P12

# 'GHODDNI TIEGHEK'

DIREZZJONI TA' MARIA VELLA

L-EWWEL U T-TIENI TA' FRAR, 1992

Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos: 362

STAGE PROPS
-----------

STOOLS ✓
EASLE ✓
TILA ✓
GIBS ✓
CHARCOAL ✓
PNIEZEL ✓
SKARPELL ✓
STATWA ZGHIRA ✓ Fr. Caruana -
LENTI - Margot.
SCAFFOLDING
LADDER
GABARRE'
KAXXA BIRRA
HOBZA
TONN TAZ-ZEJT
MEJDA
2 FRIEKET
2 SKIEKEN
KAXXA GHALL-IRGIEL IMMARKATA 'M'
KAXXA GHAN-NISA IMMARKATA 'V'.
RITRATTI
BUBBLE GUM
HANDBAG
MERA ZGHIRA
OPENER
PARAVENTU
BIBBJA TAT-TFAL
BAGALJA ZGHIRA TAT-TABIB U STRUMENTI
TAPIT
ROPE
SKETCHING PAD

Tonio Vassallo (Production assistant)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **DECEMBER** | | | |
| Mon 9 | Act 1 | Run | PREŻ/MISS/IBEN |
| Tue 10 | - | - | |
| Wed 11 | - | - | |
| Thu 12 | Act 1 | Run | PREŻ/MISS/IBEN |
| Fri 13 | - | - | |
| Sat 14 | - | - | |
| Sun 15 | - | - | |
| Mon 16 | Act 2 | 16-25 | PREŻ/ /IBEN/TFAJ I |
| Tue 17 | - | - | |
| Wed 18 | Act 2 | 16-25 | PREŻ/ /IBEN/TFAJ I |
| Thu 19 | Act 1<br>Act 2 | Run<br>26-28 | PREŻ/MISS/IBEN<br>PREŻ/MISS/IBEN |
| **JANUARY** | | | |
| Fri 3 | Act 2 | 26-28 | PREŻ/MISS/IBEN |
| Sat 4 | Act 2 | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ I |
| Sun 5 | - | - | |
| Mon 6 | Act 1 | Run | PREŻ/MISS/IBEN |
| Tue 7 | Act 3<br>Act 2 | 29-30<br>Run | /IBEN/TFAJ II<br>PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ I |
| Wed 8 | JOE ONLY | WORKSHOP | /IBEN |
| Thu 9 | Act 3 | 30-36 | /MISS /TFAJ II/TABIB |
| Fri 10 | Act 2 | 25-26 | /MISS /TFAJ I |
| Sat 11 | - | - | |
| Sun 12 | - | - | |
| Mon 13 | Act 3 | 36-48 | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Tue 14 | Act 3 | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Wed 15 | Act 2<br>Act 3 | 16-25<br>29-30 | PREŻ/ /IBEN/TFAJ I<br>/IBEN/TFAJ II |
| Thu 16 | Act 3 | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Fri 17 | Act 2 | 16-25 | PREŻ/ /IBEN/TFAJ I |
| Sat 18 | Act 1,2,3 | Run | PREŻ/MISS/IBEN/Tfaj I & II/Tabib/Mara/Raġel |
| Sun 19 | - | - | |
| Mon 20 | Act 3 | 30-38 | PREŻ/MISS/ /TFAJ II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Tue 21 | Act 2/1 | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ I |
| Wed 22 | Act 3<br>JOE ONLY | 29-30<br>WORKSHOP | /IBEN/TFAJ II<br>/IBEN |
| Thu 23 | Act 3 | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Fri 24 | Act 1 | Run | PREŻ/MISS/IBEN |
| Sat 25 | | SCENES | (TO BE DISCUSSED) |
| Sun 26 | - | - | |
| Mon 27 | ALL ACTS | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ I&II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Tue 28 | ALL ACTS | Run | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ I&II/TABIB/MARA/RAĠEL |
| Wed 29 | TECH | SCENES | (TO BE DISCUSSED) |
| ~~Thu 30~~ | - | - | |
| ~~Fri 31~~<br>Thurs 30 | ALL ACTS | DRESS | PREŻ/MISS/IBEN/TFAJ I&II/TABIB/MARA/RAĠEL |

Tonio Vassallo
(Assistent tal-produzzjoni)

# GHODDNI TIEGHEK

Tlett Atti - Xena Wahda.

Karattri:

Il-missier
Il-Guvni
Tfajla I (Act 2)
Tfajla II (Act 3)
It-Tabib
Mara
Rajel
Il-prezentatur
Tifla

Addattament ta' Marià Vella
u spirat minn idea ta' Graham Greene

# L-EWWEL ATT

**Prez.** Il-lejl it-tajjeb sinjuri u merhba lil kulhadd. Nibda mill-ewwel billi nghidilkom min ahna. Dan huwa Tonio, l-assistent tieghi. Tonio se joqghod hawn u m'hu se jtellef lil hadd. Probabbilment xi kultant se jghid xi kelma jew tnejn imma intom taghtux kazu. Tonio jkun semplicement qed jaghtina palata. Dalwaqt tifhmuni ahjar. (Lil Tonio) Issa oqghod bil-qeghda Tonio, sib pozizzjoni komda, iftah l-iskript u mohhok hemm ! (Lil udjenza) Mela dak huwa l-assistent tieghi Tonio, u jiena Maria. (Inkin) Triduni jew ma tridunix, taqblu jew ma taqblux, jiena se nkun il-gwida taghkom ghal din is-serata.

Kif diga ndunajtu, dir-recta hija kemmxejn differenti minn dawk li intom is-soltu mdorrijin taraw fuq il-palk tas-Salesjani. Ahna sejjahnilha tragi-kummiedja - intom sejhulha li tridu. Ftehmna ? Din il-klassifikazzjoni ser inhalluha f'idejkom.

Is-suggett li ser nittrattaw il-lejla bla dubju huwa delikat hafna u ghalhekk ma rridux li tohorgu minn hawn mohhkom mhawwad u wisq izjed, ma nixtieqx li nahsdukom. Fil-fatt ahna diga hadna hsieb li niccensuraw lilna nfusna fejn hassejna l-htiega, u l-mod li ghazilna biex naghmlu dan forsi sejjer jissorprendikom - imma nittamaw li ser joghgobkom . Anzi, x'jiena nghid ? Ahna certi li intom m'intomx ser tiddejqu d'dak li sejrin taraw u lanqas b'dak li tisimghu.

**Tonio** Minn fommok 'l Alla.

**Maria** Tonio, l-udjenza taghna mmaturat hafna matul dawn l-ahhar snin u ghalhekk ahna fiducjuzi li sejrin jaccettaw u fuq kollox japprezzaw dan ix-xoghol.

**Tonio** Nisperaw.

**Prez.** Bhalissa kulhadd, sab postu u qieghed bilqieghda komdu .. ghalinqas, hekk suppost. Halli nara daqxejn.
Jekk inzertajtu wara xi hadd twil jew twila, m'hemmx x'taghmlu. Iggebbdu kemm tifilhu, tibzghux. U dawk fostkom li mejtin ghal sigarett - hudu pacenzja u stennew sa ma jasal l-ewwel intervall. Thabblux raskom, dan l-att mhux twil ghax qaccatna kemm flahna minhabba c-censura.

Min qed jitkellem, jekk jogħġbu jieqaf - għax qed idejjaq lil ta' ~~[illegible]~~ ħdejh u ma jaqbilx li jibdew iqumu n-nies u jitilqulna 'l barra meta lanqas għadna bdejna.

(Il-preżentatur jitbissem u ibiddel l-pożizzjoni skond il-bżonn)

Issa li għandna kollox taħt kontroll, nistgħu nibdew.

(Hawnhekk id-dwall jinxtegħlu full)

TONIO 'DAQXEJN DAWL JEKK JOGĦĠBOK!'

Ejjew nduru ftit ma' din il-kamra.

(Jibda jippassiġġaju jikkummenta)

Għandna kavallett - (easle għal min jippreferi l-kelma bl-Ingliż), tila, ġibs, faħam tal-kannol - (għal min mhux intiż fil-Malti dan jissejjaħ charcoal), pniezel, skarpell. Diġa' qtajtu hux hekk? Hawnhekk joqgħod artist. Fil-fatt sinjuri, arawh. Dan hu. Qed isib postu biex tibda r-reċta. U hawn x'għandna?

(Il-preżentatur jerfa statwa żgħira u jifliha sew)

Mudell żgħir tal-Pieta' ta' Michelangelo. Mmm ... sabiħa.

(Lil-udjenza)

Imma qegħdin tinnutaw kemm hawn taqlib hawn ġew? U iva, ħaġa li tistenniha f'kamra ta' artist. Taqblu miegħi? Issa dan l-artist, proprjament, x'inhu? Irrid ngħid, liema huwa l-qasam ta' arti li huwa jispeċjalizża fih? Ejjew niflu ftit aktar bir-reqqa.

TONIO JAGĦTI L-LENTI LIL MARIA.

(Jimsaħxi biċċa għamara jew għodda b'subajgħ)

Trab abjad. Mela dan jindika li l-artist huwa skultur.

(Hawnhekk jinstemgħu daqqiet ta' skarpell u jaqaw xi biċċiet żgħar tal-ġebel minn fuq)

Bħalissa dan l-iskultur qed jaħdem ... hemm fuq. Ħarsu sinjuri.

(Il-preżentatur jindika x'imkien fil-għoli. Irid jidher sellum)

Naf sinjuri. Naf li m'intom taraw xejn ħlief sellum tiela' 'l fuq u xejn iżjed. Da żgur li m'intom taraw xejn. Din hija reċta wara kollox, xejn realta', w allura tridu tużaw naqra l-immaġinazzjoni tagħkom. Ħalli ngħinkom. Dan sellum twil li jwassal għal blataforma. L-iskultur jinsab fuq din il-blataforma sabiex ikun jista' jlaħħaq sew. Mela kemm hu kbir ix-xogħol tiegħu qegħdin tistaqsu? Għandkom raġun. Dan ix-xogħol għandu kobor immens ... liema kobor ma jistax jitfisser ... Narakom aktar tard sinjuri!

(Il-preżentatur jidħol ġewwa u tibda r-reġta)

Ikomplu jinstemghu d-daqqiet ta' l-iskrapell kif ukoll xi kultant raġel qed jisghol. Aktar biċċiet tal-ġebel jaqaw minn fuq minn hin għal ieħor. Wara ftit, tfajjel ta' xi sittax-il sena jidħol b' gabarre', flixkun birra, ħobża u landa tonn taż-żejt. Ipoġġi kollox fuq mejda żgħira wara li jkun warrab xi mbarazz minn-nofs. Jittawwal lejn il-blataforma fejn jinsab l-iskultur)

Ġuvni ~~Tfaj~~ Pa! (Missieru ma jwieġbux) Pa! Gibtlek l-ikel. (Jibqa' bla tweġiba u jitkellem waħdu) Ftit ħobż u tonn taż-żejt. Fejn taf x'ikel! Hemm bżonn mara f'did-dar, dak naf nghid. (Jibda iqatta' l-ħobż) Pa! Għax ma terġax tiżżewweġ? IS-SUR GUŻ ~~Ma. Mayino~~ reġa żżewweġ - it-tielet darba wkoll. (Jerġa jitkellem waħdu) Wara kollox mhux tort t'ommi jekk mietet. Qrajt x'imkien li wieħed f'kull sitta imutu bil-kanċer u ommi waħda minn dawk. (Lil missieru) Iv'inżel pa! Ilek disgħa siegħat hemm fuq taf? (Jibda jiftaħ it-tonn taż-żejt) M'intix ixxommu kemm qed ifugh? (Biex iħajru jinżel) Jekk int m'għandekx ġuħ, jien għandi. Wara nofs in-nhar ma kilt xejn ħlief dik in-nofs bajda iebsa li kien għad baqa' minn ta' lbieraħ. (Jibqa' bla tweġiba) Qed tisimgħni? (Taparsi qed jiekol iżda għadu qed jirranġa l-ħobż) Ara pa ... qed niekol ta ... mmm kemm hu tajjeb ...

Mis (Minn fuq) Tiekolx aktar minn sehemek - jien għandi l-ġuħ ukoll.

Ġuv ~~Tfaj~~ (Ferħan li għallanqas fl-aħħar ta każu) Nofs għalija u nofs għalik.

Mis Tlett kwarti għalija u kwart għalik. Jien akbar minnek.

Ġuv Qed nikber taf.

Mis U jien qed nixjieħ. (L-missier jinżel bil-mod, għandu lellija twila u mikxi bit-trab. Jieqaf meta jasal fl-aħħar staffa u jħares 'l fuq) Ġa qed nilmaħ espressjoni f'dik l-għajn tal-lemin. Qed naraha ċara. (Jinżel ħdejn ibnu) Ġej ta ... ġej fl-aħħar!

Ġuv Kellu bżonn. Ilek is-snin tgħidu dan. M'hemmx li tispiċċaħ imma.

Mis (Ipoġġi fuq banketta) Tort tiegħek jekk bdejtu u tort tiegħek jekk għadni ma spiċċajtux. Int kbirtli malajr wisq. Li kieku bqajt tarbija ma kontx nitwikka b'dan! (Jipponta 'l fuq lejn l-istatwa li qed jaħdem fuqha) Kieku bqajt tarbija kont nużak bħala mudell - u bejnek u bejn ommok - f'kemm ili ngħidlek kont nnaqqax l-Madonna u Binha. (Aktar waħdu milli lill ibnu) Imm'ommok bdiet titimgħek iż-żejjed. Kont ngħidilha jien ... kont ngħidilha li ser tirvinali kollox. U hekk għamlet. Lanqas lħaqt tgħallimt nlibbsek il-ħarqa għax malajr libsitek ix-xorts. Daqshekk kbirt malajr int. (Jerġa jittawwal 'l fuq) Kelli nrodd is-salib u nibda dan.

MISSIER SITS DOWN

Ġuv (Imur ħdejn missieru u jittawwal ukoll) Naħseb li hemm wisq ħażen f'dik l-għajn ...

Mis Dik l-intenzjoni tiegħi. (Jerġa jpoġġi u jibda jiekol. Wara ftit jipprova jaqra x'hemm miktub fuq il-landa tat-tonn taż-żejt) Dat-tonn taż-żejt għandu togħma ta' bacon.

Ġuv Jista' jkun. (Jieħodlu l-furketta u jxommha) Forsi ma ħsiltx il-furketta tajjeb u għad għandha r-riħa tal-bacon li kielna lbieraħ.

Mis (Jaħtaf 'lura l-furketta) Darb'oħra oqgħod iżjed attent.

Ġuv (Ipoġġi) Jien nagħmel li nista' ... imma mara taf tagħmel dax-xogħol aħjar minni kieku ...

Mis Tibdix bil-kantaliena tas-soltu. Nkomplu ngħixu kif aħna. Mara jonqosna hawn ġew! Mela le ... mhux biżżejjed qed inbati minħabba dak? (Jindika l-istatwa hemm fuq. Ikompli jiekol waqt li ibnu jidher ħosbieħ)

Ġuv Int batejt meta mietet ommi?

Mis Insomma ... għażżlet żmien inkonvenjenti wisq biex tħallina.

Ġuv Jien batejt?

Mis Int kont żgħir wisq biex tbati. (Jixrob ftit birra mill-flixkun)

Guv (Jirrepeti) Kont żgħir wisq. biex inbgħati.

Mis (Jerġa jixrob) Tinsix tixtri kaxxa oħra għada. Il-birra ttini s-saħħa u għandi bżonn ħafna saħħa biex inkompli din l-istatwa. (Jerġa jittawwlilha)

Guv (Li jkun baqa' mħasseb) Taf xejn pa? Meta kont l-iskola kont nixtieq li int raġel bħall-oħrajn. B'hekk forsi kont żżommni miegħek id-dar u tgħallimni int. L-iskola ma kont nifhem xejn. Imm'int kellek din l-istatwa u ma ridx taf bija ... mhux bħall-missierijiet l-oħra. Fejn sħabi ma kienux jifhmu, missierijiethom kienu jtuhom daqqa t'id. Imma jien dejjem kelli nibqa' 'lura ... dejjem injorant ... dejjem ....

"El Condot Pasa"

Mis (Issa saki l-missier mitluf fi ħsiebu) Imma le, dik l-għajn tal-lemin mhix mija fil-mija kif nixtieqha jien. (Lil ibnu) M'għandekx idea kemm hi ħaġa diffiċli li taħdem mingħajr ma jkollok mudell ħaj. Irid ikollok immaġinazzjoni kbira ħafna.

Guv (Jurih il-Pieta') Xtip ta' mudell kellu dan?

Mis Ma nafx nfehemek. Dak u jien tgħallimna f'żewġ skejjel differenti ta' arti reliġjuża.

Guv (Jerġa jintilef fi ħsiebu) Kemm xtaqt li tiġi li skola tiegħi - imqar darba waħda biss. Mqar għal parents day wieħed. Kont niftaħar ma' sħabi li għandi missieri skultur ... iżda ħadd ma ried jemminni ...

Mis (Ma jagħtix każu) Insomma, ikolli ngħid ftit makakkerija hemm, ftit ħażen hemm f'dik l-għajn. Dażgur ... imma jonqosni ftit ieħor. (Iqum) Imma s-saqajn.- is-saqajn m'hemmx dubju. Irnexxieli ntihom s-saħħa ....

Guv (Ikompli bl-istess ħsieb ta' qabel) Dawk sħabi li kellhom omm, dejjem kienu jkunu fost l-aħjar studenti. Dejjem pass aktar 'l quddiem minn l-oħrajn.
(Jibda jpassi mal-kamra bħallikieku qed jerġa jgħix dak iż-żmien)

Mis (Issa t-tnejn li huma qeghdin jitkellmu ghal rashom)
Imma Hu mhuwiex saħħa biss, mhuwiex ħażen biss ...
Kellu mħabba? Ma kellux mħabba? X'inhi l-imħabba?
(Iħokk subajgħ l-kbir mal-werrej bħallikieku irid iħoss
l-imħabba, irid imissha b'idu)

Ġuv Ommi u jien ħabbejnik.

Mis (Ikompli) Jgħidu li Hu ħabb lid-dinja. Jgħidu li Hu
ħabb lill-Ibnu wkoll. Ħabbu u batu fid-dinja biex imut.
Mħabba stramba ...

Ġuv Jien lill-ommi, kont inħobbha?

Mis (Jinjorah) Dik l-għajn qegħdha tiflini. (Jersaq aktar
qrib is-sellum) Imma dawk is-saqajn jidhirli li għamilt
kapolavur bihom! Dażgur li fihom is-saħħa. (Jaħgmżel
pass 'lura biex jara aħjar) Tħares lejhom u tistħajjilhom
par saqajn ta' dak ir-raġel taċ-ċirklu li jgħawweġ il-
ħadid. Hekk. (Jiftaħ saqajh u jipprova jurih)

Ġuv (Donnu jistembaħ) Qatt ma ħadtni ċ-ċirklu.

~~Mis~~ ~~Imma Ekint x'ridt infisser b'dik il-poża?~~

~~Ġuv Naħseb~~. Imma ħaġa naf żgur fuq dawk is-saqajn, li huma
komdi. Dak li naf ngħid. Wara das-snin kollha li ilna
npoġġu fuqhom ma tistax tgħid li mhumiex.

Mis (Jerġa' jinqata għalih waħdu) Is-saqajn kollox sew, imma
l-problemi jibdew aktar ma nitla' l-fuq. L-irkupptejn!
Kif nista' nurihom jekk Hu qatt ma niżel għar-rkupptejh?
Ara Ibnu, Dak iva ... anki l-Madonna. Imma qatt ma qrajt
mkien li Alla niżel għar-rkupptejh. Alla jinżel għar-
rkupptejH!? Quddiem min? Mela hemm xi ħadd aqwa minn
Alla?

Ġuv Forsi qatt ma jinżel għar-rkupptejh għax għandu l-artrite.

Mis L-irkoppa hija parti interessanti mill-anatomija. L-irkoppa
maħluqha biex tintlewa. Jekk din qatt ma tintlewa, x'tip
ta' rkoppa hi, għidli? Kif tista' ~~tpingi~~ niskolpixxi rkoppa li ma
tintlewiex?

Guv	Jista' jkun li rkupptejn m'għandux ...

Miss	... Bil-fors irid ikollu! Hu ħalaqna xbiha tiegħu. (Jerġa jintilef fi ħsiebu) Kemm hu diffiċli timmaġina dak li ma jidhirx. (Jħares 'l fuq lejn l-istatwa) Is-saqajn, l-irkupptejn .... u ... (Dejjem jipponta iżjed 'l fuq) ... qalbu. Ntopp ieħor. Problema oħra. Kif nista' nnaqqax kontradizzjoni? (Dejjem għajnejh fuq l-istatwa) Irid ikun ~~ħażin~~ KIEFER u ħanin fl-istess ħin. Żewġ affarijiet opposti. Mhux bil-fors? Qered lid-dinja kollha (minbarra Noe') b'dulluvju. Għereq dawk l-Eġizzjani kollha fil-Baħar l-Aħmar. Għamel dan kollu mingħajr ma qagħad jaħsibha. Ħeles minn dawk kollha daqs li kieku jien kelli neħles minnU (Jipponta lejn l-istatwa) b'daqqa ta' ħadida. Xi jkun ġara? Nkun qridt kreazzjoni tiegħi u ara taħseb li nibkih. Jista' jkun li nħoss li ħlejt iż-żmien fuqu ... sittax-il sena ... imma dak kollu. L-ebda rimors ta' kuxxjenza. Hu żgur ħass l-istess meta wara sekli sħaħ ra l-bombi atomiċi jintefaw u ra d-dinja tinqered b'terremoti, pesti u x'naf jien. Ħass l-ħela taż-żmien, imma ma naħsibx li bata ... le ... Alla ma batiex ... Alla ma jafx x'inhi tbatija . (Jinfexx fl-ikel)

Guv	Tbatija. (Donnu l-kelma tbatija fakkritu f'xi ħaġa'oħra) It-tabib kien qal li ommi batiet. Niftakar tajjeb. Kont qiegħed nissemma wara l-bieb u t-tabib qal lin-nurse li mn'Alla mietet għax kienet qed tbati ħafna.

Mis	(Waħdu) Tbatija .... ħniena .... mħabba ....

Guv	(Ikompli) Int fejn kont meta mietet?

Mis	(Mitluf fi ħsieb) Tgħid niżel għar-rkupptejh meta ħoloq id-dinja? Niżel għar-rkupptejh għax ħassu soddisfatt? Biex jammira xogħolu? Xi dwejjaq! Din l-istatwa se terrini!

Guv	Tbatija u dwejjaq l-istess ħaġa? Jew it-tbatija hija agħar? Jien kont bkejt ... ma werżaqtx ... imma ommi ... ommi werżqet. (Donnu jistembaħ u jinduna li qed jitkellem waħdu) Iva pa, int qed tismagħni jew le? Moħħok dejjem band'oħra meta nkellmek.

Mis Kemm hu kiefer ma jkollokx min jifhmek. (Donnu jiġi f'sensih) Xi kultant nħossni nistordi hemm fuq. Nħares 'l isfel u nara kollox jiċċaqlaq bħall-baħar. Nkun rrid naqbeż imma ...

Ġuv Tibża' li tegħreq ...

Mis ... Le. Fødak il-każ jien naf ngħum. ~~Irida~~ Rrid naqbeż, imma xi ħaġa żżommni .... (Jiddeċidi li aħjar ma jkomplix) U int f'hix tifhem! (Biex ibiddel id-diskors) Isma', dan l-ikel mhux qed iżommni biżżejjed. Irrid nibża għal saħħti biex inkompli dax-xogħol iebes. Xjaħt wisq issa biex noħroġ naħdem u nġib l-flus. Mn'Alla ommok ħallietna dik ix-xi ħaġa.

Ġuv Li kieku jien ma kontx basla l-iskola, kieku illum qed naħdem x'imkien u qed indaħħal xi ħaġa wkoll. B'hekk ma kienx ikolli ninkwieta fuq il-ġejjieni tagħna.

Miss Għalfejn tinkwieta? Ommok ħallietna biżżejjed biex ngħixu komdi. Il-flus mhux problema. Il-problema tinsab hawn. (Jindika l-istatwa) U l-akbar problema hija l-għajn tax-xellug. (Jerġa jintilef) Tal-Lemin wasalt x'imkien. Għandi ftit ~~ħażen~~ QILLA u aħki ftit poter. Iva. Hekk hu. Issa f'tax-xellug irrid indaħħal ftit ħniena u rtubija. (Qed jimmaġina li qed jgħid) It-tarbija Mose' per eżempju! Fil-lemin, irrid is-seba pesti, u fix-xellug it-tarbija fil-qoffa!

Ġuv (Bi tbissima) Dik l-aħjar storja fil-Bibbja. Niftakar lill-ommi tirrakkontahieli.

Mis Kemm fassal il-biċċa bir-reqqa! Ara kemm ħa ħsieb li ~~ma~~ dik it-tarbija ma tiġrilha xejn ... li meta tiftaħ għajnejha tilmaħ prinċipessa li mbagħad tispiċċa ddur biha. Ara daqxejn xi ħlewwa! X'imħabba! (Fødaqqa waħda jirrabja) Imm'għidli int, kif ix-xjafek ser innaqqax l-imħabba f'dik l-għajn?!

Ġuv Int ħabbejtha lill-ommi?

Mis (Ifittex aktar ħobż) Spiċċa l-ħobż?

Guv Int kiltu kollu. (Pawża) Ddiskrivihieli.

Mis L-għajn?

Ġuv Lill-ommi.

Mis (Mifxul) X'naqbad ngħidlek? Heqq, kienet mara hux?

Guv Bħal din? (Jurih il-Pieta')

Mis (Donnu jrid jaħrab mid-diskors) Ftit jew wisq.

Ġuv Jien wiċċha ma niftakru xejn. Niftakar biss il-fwieħa tagħha. (Ixomm idejh) Xi kultant s-sapuna tiegħi tfakkarni fiha. Xi ħoss ... xi togħma ... imma wiċċha ma niftakru xejn. Int missek għamilt statwa tagħha pa. Iva, hekk imissek għamilt. (Imur jittawwal mit-tieqa waqt li missieru dejjem iħares lejn l-istatwa) Lbieraħ rajt tfajla ħelwa. Kellha xagħarha horsetail u għajnejha ħodor ...

Mis ... La darba nlesti r-ras, se jkolli problema oħra bi ħwejjġu. Nixtieq nlibbsu ftit-riħ u l-mewġ u ftit nar ukoll.

Guv (Ma jkunx ta każu) Rsaqt lejha ...

Mis (Jistembaħ) E? X'int tgħid?

Ġuv Rsaqt lejn dik it-tfajla bil-horsetail. Ridt ngħidilha hello imma telqet tiġri. Ridt nofrilha ftit ċikkulatata. Għalfejn telqet tiġri? Jien m'għamiltilha xejn ...

Mis ... Ħallik minn dal-ħmerijiet, u aħsebftit f'liema problema ninsab jien. (Jerġa għalih waħdu) Michelangelo ma kienx nieqes mill-ambizzjoni - imma, għax tgħid, qatt ma ttanta xogħol ta' kalibru bħal tiegħi. Skultur għandu tlett suġġetti ewlenin. Il-Verġni, MARIA l-Iben u Hu. (B'enfażi kbir fuq l-aħħar kelma) Imma lanqas il-kbir Michelangelo! Qatt m'għażel Lilu. (Jagħti bil-ponn fuq l-eqreb biċċa għamara)

"Hazy shade of winter" * X'destin kiefer li kelli nittwikka Biħ! Nammetti, kelli Lilu f'moħħi, imma l-ewwel ridt nibda bl-oħrajn ... l-ewwel Bil-Verġni Omm. (Qisu qed jiftakar) Kont ser nuża il-wiċċ t'ommok.

Kellha ħarsa fidila li għoġbitni. Konna għadna ~~għarajjes~~ zgħar u kont inqatta' s-siegħat nħares lejha. M'għandniex ~~s~~xi ngħidu, fittixt uċuħ oħra imma l-ebda wieħed ma kien xieraq. Uħud kienu maturi wisq, oħrajn makakki, oħrajn stupidi ż-żejjed. Iżda ommok kellha l-wiċċ ideali ...

Ġuv (Wiċċu donnu jixgħel) Mela għamilt statwa tagħha wara kollox?

Mis (Jisserja) Le. Harġet tqila bik u spiċċa kollox għalija.

Ġuv Imma wara ... wara għax ma komplejtx?

Mis Għax wiċċha nbidel. Ma baqax kif kien. Dik il-ħarsa fidila donnha għosfrot. ~~għal kollox~~. Il-ħarsa saret ta' waħda li issa kienet taf kollox ...

Ġuv ... Dik it-tfajla tal-horsetail li rajt lbieraħ ... dik kellha ħarsa fidila ...

Mis (Dejjem biex jaqleb is-suġġett) U int f'hix tifhem! (Jerġa jħares lejn l-istatwa) Aktar ma nħares lejhom, aktar nikkonferma li s-saqajn ma stajtx nagħmilhom aħjar. Tassew qishom qegħdin jagħmlu sforz kbir, li qed jerfgħu piż kbir ... iva, l-Univers. Alla qed iżomm l-Univers! Is-saqajn irnexxu - u ngħidlek għaliex. Għax ipprattikajt jien stess billi kont nerfa ħwejjeġ tqal u għal siegħat sħaħ kont noqgħod quddiem mera u nosserva saqajja kif kienu jaqbdu ma' l-art. Wżajt saqajja stess bħala mudell u rnexxieli. Ara, bil-Verġni MARIA u l-Iben ma kontx insib problemi. Kont naf Verġni x'inhi ... kont naf iben x'inhu. Imma missier, x'mudell nista' nuża għal missier?

Ġuv (Donnu lest bir-risposta) Inti missier.

Mis Iva. Dażgur. Darba ħarist fil-mera u ħażżiżt dak li rajt fuq biċċa karta. Imma ma stajtx nimmaġina Lilu bil-leħja twila.

Ġuv Missek dakinhar qaxxartha.

Mis Le. Għax mbagħad deherli li kont qed nara kbir wisq biex

nuża lili nnifsi bħala mudell. Alla Huwa kbir, ħalaq id-dinja. Jien ħloqt lilek, veru, Imma int m'intix id-dinja.

Guv (Bħas-soltu jaqbad ma' kelma) Imma ommi hekk niftakarha tgħid, li jien id-dinja.

Mis In-nisa jħobbu jeżaġeraw. Speċjalment l-ommijiet .... Insomma, ppruvajt mudelli ħajjin għall-Missier. Ara ma taħsibx li le. Wieħed minnhom kien ċertu Mr. Smith. Imma dak ma setax jissaporti aktar minn nofs siegħa mingħajr sigarru f'ħalqu. (Bi stmerrija) Alla l-Missier b'sigarru! Mbagħad kien hemm Michael. Kont sejjer mhux ħażin miegħu sakemm ma bdewx jinxterdu xniegħat li ma kienx missier wara kollox. It-tifel li kien joqgħod miegħu kien ... (Jiddeċiedi li aħjar ma jkomplix) ... insomma, tilef il-kredibilita' fl-opinjoni tiegħi u kelli nwarrbu. Kien hawnhekk li dort għar-ritratti. (Jaħseb) X'imkien għandi xi kaxex mimlija bihom. (Jibda jfittex u t-tifel ukoll)

Ġuv (Li jkun sab żewġ kaxex qishom taż-żraben) Dawn?

Mis Iva. (Jaħtafhomlu)

Ġuv Ħa narahom.

Mis Lilek ma jinteressawkx. M'intix skultur. M'intix artist bħali. Int qatt m'int ser tkun xejn.

**FREEZE — MUSIC**

Ġuv Ser inkun baħri.

Mis Lanqas taf tagħmel għoqda ... u ħallina!

Ġuv M'intix temminni? Kieku kelli ħabel kont nurik ...

Mis Mela f'dak il-kas imissek tmur taħdem il-ħabs - toqgħod tgħallaq in-nies. (Jaħseb) Darba wżajt qattiel bħala mudell. X'imkien hawn ġew qiegħed. (Ifittex) Kollezzjoni ġmielha għandi hawn. Ġbidt ritratti ta' ħbieb, qasqast stampi minn gażżetti, sibt ritratti qodma fi ħwienet ta' l-antikitajiet ... xi kultant noqgħod ngħid li forsi ma missnix tlaqtu dak Michael, imma hu kien raġel wieħed biss.

Xorta kien ikolli bżonn iżjed. Bħal Michelangelo. Tgħidx kemm fetaħ iġsma mejta u studja fuqhom qabel ma wasal għal perfezzjoni. Fil-kas tiegħi, terġa, ippruvajt naqbad li stat ta' missier, fl-aspetti kollha tiegħu - mhux il-wiċċ biss.

Ġuv (Jaqbad ritratt) Dan min hu?

Mis Ma nafx. Dak wieħed li kont sibt f'ħanut ta' l-antikitajiet. Ma tantx kien impressjonani b'dawk il-mustaċċi.

Guv (Jaqbad ritratt ieħor u l-missier jdawru wiċċu 'l isfel) Hekk ta' taħt fuq. (Jgħawweġ għonqu biex jara)

Mis Naf. Hekk tridi tarah dan. Il-markiż ta' ma nafx fejn. ~~Il-Gran Duka ta' Lichtenstein.~~ In-nobbilta' rasha 'l isfel. Dar-ritratt għartu meta kont għaddej minn fażi ta' l-arti astratta. (Bi tbissima ħażina) U x'hemm iżjed astratt minn-nobbilta' rasha 'l isfel? (It-tifel ma jkunx konvint. Ma jistax jifhmu) U int f'hix tifhem!

Guv (Jaqbad ritratt ieħor) Dan wiċċ interessanti!

Mis Dak Landrù. Franċiż magħruf. Qatel nafna nisa mbagħad kien jaħraqhom. Id-daqna tiegħu togħġobni u għandu ħarsa li ssaħħrek. (Ixengel rashu) Imma bħala karattru ma daqqlix. In-nisa li qatel ma kienux jiġu minnu. Lanqas biss kien jafhom. Jiġifieri ma kellux dik id-daqqa intima li xtaqt jien. (Jaqbad ritratt ieħor) Issa ara dan. Dan qattiel ieħor, aktar qrib dak li ridt jien. AMERIKAN ~~Ingliż~~ dan. Qatel lill-ibnu li qal kien marid - att ta' ħniena. Tant li l-qorti AMERIKANI ~~Ingliża~~ ma sabitux ħati. Ltqajt miegħu X'IMWIEN FL-AMERKA ~~Londra~~ u jien stess ħadtlu dar-ritratt. Kont persważ li fl-aħħar sibt il-mudell ideali. Qatel lill-ibnu għax ħenn għalih. L-iben talbu bil-ħniena biex jeħilsu ... (Iħares lejn ibnu) Kellu wisq affarijiet simili. (Jisserja) Mbagħad qalli li kien se jemigra għax beża minn ilsien in-nies. Beża mill-ġirien. Malajr tilef il-kredtu miegħi. Alla ma jemigrax minħabba lsien in-nies! Kieku ma jkunx jista' joqgħod sekonda bi kwietu!

Guv (Għandu ritratt ieħor f'idu) Dar-raġel li qed jilgħab il-

football ma' dat-tfal, dan missierhom?

Mis Jista' jkun. Dak ritratt ieħor minn dawk il-misterjużi. (Jeħodlu r-ritratt minn idu) Malajr radċejtlu s-salib lil dan.

Ġuv Għaliex? (Jerġa jieħu 'lura ir-ritratt) Qed jilgħab mat-tfal. X'qed jagħmel ħażin?

Mis Alla tana l-liberta' nagħmlu dak li rridu. Tefagħna hawn f'dal-wied u aħna rridu nagħżlu jekk ngħerqux jew inżommu fil-wiċċ. Ħalla l-għażla f'idejna. Imma dar-raġel tar-ritratt jidher ċar li qed jgħallimhom il-football. Qed jinfluenzhom. Qed tifhem? Hu lili iżda. Qatt ġiegħltek tilgħab il-football?

Ġuv Le. Imma dak għax ma tħobbux.

Mis (Iqum bil-wieqfa) Xorta waħda stajt ninfluenzak, imma le. Illum il-ġurnata, int ma tilgħabx football għax int stess għażilt li ma tilgħabx. Meta kont żgħir dejjem ħallejt kollox f'idejk.

(LAPES- TELL JOHN.)

Ġuv (Jaħseb) Meta kont żgħir ... kont nibża d-dar waħdi xi kultant. Imma għal xejn kont nibki għax int kont tkun barra. Min jaf? Forsi kont tkun barra qed tieħu r-ritratti. (Iqum bil-wieqfa u jersaq lejn it-tieqa) Imma dal-lejl it-tifel ~~li rajt jien~~ ta' faċċata ma bekiex għal xejn. Id-dawl kien mixgħul u stajt nara kollox. Raġel daħal fil-kamra u deher qed jikkalmah. Naħseb li beda jirrakkuntalu storja u ftit wara rajt it-tifel jidħaq. Min jaf x'beda jgħidlu? (Il-missier qiegħed daru lejh, qed jħares lejn aktar ritratti) Mbagħad ntefa d-dawl u ma stajtx nara aktar. (Jersaq lejn missieru u jara ritratt ieħor) Dar-raġel bit-tromba jixbaħ lit-~~Dun. ...~~ tabib.

[Margin: MISSIER INSONN LAPES] [Margin: "Sound of Silence"]

Mis Hu, kollu kemm hu. Imma ~~hawnhekk~~ fir-ritratt ħdejn għadu m'għalaqx il-ħamsin.

Ġuv (Kurjuż) X'qed jittrombja? Jidher x'imkien fejn il-baħar.

Mis Qed inemmes, u għadu sal-lum.

Ġuv (Ma jifhmux) X'hiex?

Mis (Donnu jitlef il-paċenzja) U int f'hix tifhem?!

Ġuv (Jaqra x'hemm miktub fuq il-kaxxa l-oħra) 'V'. Din il-kaxxa x'fiha?

Mis ~~Wiċċ ta' verġni~~ Nisa.

Guv (Jirrepeti) Nisa. Mela għax mhux 'N'?

Miss Għax dawn nisa speċjali - jgħidulhom verġni.... Mudelli li kont bi ħsiebni nuża għall-Madonna.

~~Xxx~~
Ġuv ~~Daqsxejn biċċa~~. (Il-missier jibda ħiereġ) Fejn sejjer?

Mis Barra.

Ġuv Ha niġi miegħek.

Mis Le. Għandi bżonn noqgħod waħdi. Sejjer nfittex l-ispirazzjoni.

Ġuv (Għadu bil-kaxxa f'idu) Hawn ġew hawn xi ritratt t'ommi?

Mis Suppost.

Ġuv Urini liema hu.

Mis (Kważi ħareġ, ma jagħtix kasu) Iddumx ma torqod.

Ġuv Pa, għidtlek urini r-ritratt tal ommi.

Mis Sibu int. M'għandekx fejn titfixkel. Tliet ritratti kull m'hemm hemm ġew. Ommok f'wieħed minnhom. (Joħroġ iżda jerġa jidħol fil-pront) Qis li tqegħdli kollox f'postu meta tlesti u tħarbatlix il-kaxxa tal-missierijiet. Ma tistax tgħid, forsi għad niġi bżonnhom. (Joħroġ u t-tifel jiftaħ il-kaxxa. Narawh ibiddel l-espressjoni minn ritratt għal ieħor. Fl-aħħar wieħed donnu jinħasad. IL-missier jerġa jidħol) Last part of Old Friends Bookends

Mis	Erġajt ġejt jien.

Ġuv	(Bl-aħħar ritratt għadu f'idu) Dar-ritratt pa, min hi? Din żgur mhux ommi. Din mejta? Għaliex qegħdha hekk mixħutha f'nofs ta' triq? Min hi, għidli?

Mis	Fejn naf min hi? Dak ritratt ieħor minn dawk li sibt f' ħanut antik. (Jerfa l-flixkun vojt tal-birra) Ġejt 'lura għall-vojt. La sejjer dik in-naħa, għidt nixtri kaxxa birra u niffrankahielek għal għada. (Jibda miexi u jdur għax donnu jiftakar xi ħaġa) Bil-ħaqq, semmi x-xitan u jidhirlek. Taf lil min rajt barra?

Ġuv	Jagaw It-tfajla bil-horsetail?

Mis	~~Mux~~ Il-tfajla bil-horsetail! Xħint tgħid? Rajt lit-tabib ~~Dr. Parker~~.

Ġuv	~~Dr. Parker?~~ It-tabib?

Mis	Iva, ~~Dr. Parker~~ it-tabib ... għajnejh iżebbgħu bħas-soltu. Ma jistax jara dublett ..! (Waqt li ħiereġ)

Ġuv	Se ddum?

Mis	Ma nafx. Missek drajt li meta nkun f'dil-burdata m'għandix ħin. Int aħseb għal rasek u tistenninix. Tlaqt. (Joħroġ)

Ġuv	(Għadu bir-ritratt tat-tfajla mejta f'idu. Iħares lejh u jmelles ir-ritratt)* Miskina. Min jaf min inti? Imm'int tassew mejta, jew rieqda? Le, rieqda hux? Qum ħalli ngħidlek storja. Tridx ngħidlek fuq missieri? Lil ommi ġa tafha għax ltqajtu ġo dil-kaxxa, imma lil missieri rajtu xi darba? ... Missieri ~~kbir u~~ b'saħħtu, imma ħanin ukoll taf. Disgħa sigħat kuljum jaħdem hemm fuq. Iva, jaħdem u jaħseb fuq Alla. Kull filgħaxija jinżel u noqgħodu nitkellmu. Nitkellmu fuq kollox. Int għandek missier? Jekk trid, missieri jista' jkun tiegħek ukoll....(Iħares 'l fuq lejn l-istatwa) ... Missieri ~~twil~~ b'saħħtu ... u għandu qalbu kbira. Kull fejn ikun hu, kollox tajjeb, Xejn ma jista' jmur ħażin. Xejn ħażin ma jista' jiġrilek jekk tkun ħdejh. ~~Missieri jgħidlek :"Oqgħod magħna". U inti toqgħod magħna~~ Imxi miegħi ħalli nkellmuh. ~~u qatt aktar ma tkun imdejjqa.~~ (Ibus ir-ritratt) ~~Dawar vojta wisq mingħajrkom~~ ... (Jitla s-sellum waqt li tingħalaq il-curtain)

Tindaq id-diska "Song for the Asking" qabel ma jibdi bil-Blues or Mr. Bluesman (with a few changes to script) or "Bridge over Troubled Waters"

BOX Lagemba

It-Tieni Att

L-istess, sitt ġimgħat wara. Is-sellum telaq u hemm kaxxa birra f'xi rokna. Jidħol il-ġuvni ~~nkiss, nkiss~~. Jittawwal biex jara jekk missieru qiegħed fuq il-blataforma. Kuntent li muhiex, jagħmel sinjal b'idu u wara ftit tidħol tfajla. Tidher tfajla fuq ruħha għalkemm għadha żgħira. Għandha make-up ftit eżaġerat u qed tomogħod iċ-chewing-gum. Tħares madwarha u tkemmex xuftejha.

Guv Poġġi.

Tfaj (B'ton arroganti) Fejn?
(Iwarrab salt imbarazz minn fuq il-banketta. Hi tfarfru b'idha qabel tpoġġi) Stajt naddaft naqra qabel.

Ġuv Missieri ma jridni nmisslu xejn f'dil-kamra ...

Tfaj ... Qed issemmi l-missierek. Int ġur li mhux se jidħol fuqna?

Ġuv Rajtu ħiereġ xi kwarta ilu u s-soltu jdum barra. F'dil-kamra ilu sitt ġimgħat ma jidħol.

Tfaj (Terġa tifli l-kamra) Insomma, x'se nagħmlu?

Ġuv Għandi x'nurik.

Tfaj (Tidħaq) Iva? Ġieli rajtek, imma int qatt ma kont tħares lejja. Dalgħodu imma, malli rajtni, ~~donnok kont lest għalija~~ għoddok qbist fuqi. X'tak f'daqqa waħda? (Tqum tippassiġġa u tiżżegleg)

Ġuv (għall-ewwel b'mifxul) Nħsadt meta rajtek ...

Tfaj (Li sadanittant għajnejha ikunu waqaw fuq l-istatwa, tiehu nifs 'l ġewwa u tgħatti ħalqa) Aaaa! U biex tpattihieli ridt taħsadni int! (Bħalissa il-ġuvni aktar maħsud minnha) Dak ~~il-mostru~~ x'jaħbat?! (Turih l-istatwa) walk towards statue

Ġuv Suppost ~~Alla~~ il-Missier Etern.

Tfaj E? (Bi tmejjil) Mela fejn ġibtni, f'xi knisja?

Ġuv (B'ton kburi) Hawnhekk il-kamra ta' missieri. Missieri skultur.

Tfaj Din li ridt turini mela? (Tirreferi għall-istatwa)

Ġuv Le.

Tfaj Għall-anqas. (Terġa tittawwal 'l fuq) Il-ħanina x'kobor! Fejn bi ħsiebu ipoġġiha la tkun lesta?

Ġuv Qatt ma saqsejtu.

Tfaj (Terġa tpoġġi) [illegible] ... Forsi bi ħsiebu iqegħdha ġewwa xi pjazza? (Tilmaħ il-Pieta') Dik għamilha missierek ukoll?
— FUQ IL-KAXXA

Ġuv Le.

Tfaj Qisni ġa rajtha x'imkien ...(Tipprova tiftakar u taqta' qalbha. Mbagħad tħares lejn il-ġuvni b'ħarsa li tfisser ħafna) Għidt li se turini xi ħaġa. X'se turini sabiħ?

Ġuv Ritratt.

Tfaj (Sorpriża kif ukoll iddiżappuntata) Ritratt?!

Ġuv Ritratt speċjali.

Tfaj (Tonfoħ) Il-ħniena, issa ġejjin ir-ritratti xi dwejjaq! Aqta' kemm noboghodhom!

Ġuv Inti l-ewwel ara, mbagħad tkellem. (Imur iġib il-kaxxa mmarkata 'V'. Juriha l-ittra fuq barra) Ara.

Tfaj Jaqaw ġejjin xi salt veduti?

Ġuv Le.

Tfaj Jekk 'V' ~~XXXX~~ ma tfissirx veduti xi tfisser mela?

Points the box.

Ġuv Nisa.

Tfaj (Tidħaq) Iss'isbaħ! 'V' għal nisa! (Tisserja, taħseb u f'daqqa waħda terġa tidħaq donnha għamlet xi skoperta) Issa fhimt. Nisa vampiri! Hekk hu. VAMPIRI. Għalhekk l-ittra 'V'. (Kuntenta)

Guv (Mhux qed jifhimha) Ta' missieri dawn, imma hu jsejħilhom xi ħaġ'oħra ... nsejtha l-kelma bħalissa ...

Tfaj ... Ta' missierek (~~terġa~~) UKOLL!? Il-lajks x'familja din! (Tidħaq) U x'jagħmel bihom missierek?

Ġuv Jistudjohom.

Tfaj (B'ħarsa makakka) Mmm... mela missierek ...

Guv .... Missieri ddedikat.

Tfaj Naħseb jien! Insomma hi, urihuli dak ir-ritratt speċjali għax issa qabbadtni l-kurżita'. Anzi, urihomli kollha.

Guv Tlieta kull m'hawn.

Tfaj U iva, mhux xorta? Ejja, ġibhom 'l hawn. (Taħtaf il-kaxxa minn idu u toħroġ l-ewwel ritratt li jinżerta. Tberraq għajnejha) Min hi din? X'inhi tagħmel mixħutha f'nofs it-triq?

Guv (Jaħtaf ir-ritratt 'lura donnu biex jipproteġih) Mhux dan! Dan ma tistax taraħ!

Tfaj Dik mejta? Jaqaw? .... Ma nagħmlux mod li missierek ....! (Tagħmel mossa qisha qed taqta' għonqa barra b'sikkina)

Ġuv Le. Lanqas biss jafha lil dik. Dak ir-ritratt ~~sabu~~ SIBTU f'ħanut antik.

Tfaj Uff! Lanqas ħaqq il-ferħa li ħadt. Għal mument sthajjiltni ġod-dar ta' xi qattiel manjaku! Kif tara fil-films! Paċenzja. Ejja, urini ir-ritratt speċjali mela għax milli jidher missierek għandu gosti sbieħ. (B'sarkażmu)

Ġuv (Joħroġ ritratt ieħor u jagħtihulha. Hi tibqa ndifferenti) Xi tgħidli?

Tfaj Xi tridni ngħidlek? X'fih speċjali dar-ritratt?

Ġuv Inti ħares <u>sew</u> ...

Tfaj (Titlef il-paċenzja) Qed <u>inħares</u>! Qed <u>inħares</u>! Imma kull m'jien nara, ~~mara bit-toppu.~~ (Tħares lejn il-ġuvni)

Ġuv ~~Tella' xagħrek.~~ Dawwar wiċċek lejja.

Tfaj Alla magħna! (Ittella' xagħraha u żżommu b'idha) X'iżjed? Noħroġ ilsieni? (Tidħaq u ħawnhekk ikun sabiħ jekk it-tfajla tonfoħ bużżieqa bil-bubble -gum)

Ġuv Inti Tixbaħha.

Tfaj Lil din? (Turih ir-ritratt) ~~ma~~ naħsibx.

Ġuv (B'entużjażmu) Għandek il-profil tagħha. Anki l-għamla ta' xufftejha.

Tfaj U kieku stess nixbaħha. B'daqshekk?

Ġuv Dik ommi.

Tfaj Allura? Jien m'inix omm taf.

Ġuv Lanqas ommi ma kienet omm meta missieri ħadilha dar-ritratt. Allura ma taqbilx miegħi li tixbaħha?

Tfaj Lanqas xejn.

Ġuv Int ma tistax tgħid għax m'għandekx mera biex tqabbel. Ara jien. Jien nista narakhom it-tnejn.

Tfaj Min qallek li m'għandiex mera? (Toħroġ waħda mill-handbag. Tħares fiha)

Ġuv Qed tara kif tixbaħha?

Tfaj Le. (Terġa tpoġġi l-mera f'postha) Issa naqtawha din tax-xebħ għax qed niddejjaq!

Ġuv Imma dik ommi!

Tfaj Qed ngħid. Kemm int iffissat fuqha?

Ġuv Ommi mejta.

Tfaj (Trodd is-salib) Mejta wkoll! Mela santi tal-mejtin hemm hemm ġew u mhux ritratti! (Tidħaq) Biex mietet għid?

Ġuv (B'ħarstu fuq ir-ritratt) Bil-kanser. Batiet ħafna ... mietet fil-fjur ta' ħajjitha ... it-tabib kien qal li aħjar hekk ... kienet ħelwa ... kienet ...

Tfaj (Tisserja) Donnok kont tħobbha ħafna. Għidli x'ħassejt meta mietet.

Ġuv Missieri jgħid li jien kont żgħir wisq biex nagħti kas.

Tfaj U hu? Missierek?

Ġuv (B'ton vag) Missieri kellu affarijiet oħra fuq moħħu ...

Tfaj (Donnha bdiet tħassru xi ftit u tibda tmellislu xagħru. Hu jinġibed 'lura) X'ġara?

Ġuv Ommi biss kienet tagħmilli hekk.

Tfaj (Titbissem) U issa jien qed nagħmillek hekk. Qed tiddejjaq?

Ġuv Ma nafx ...

Tfaj (~~Tqum u~~ tibda tħares madwarha. Tilmaħ il-birra u tidħaq) Inti ġmielek ħsibtilna! Kaxxa sħiħa wkoll! (Taqbad żewġ fliexken)

Ġuv Hallihom. Dawk ta' missieri.

Tfaj U ejja, billi nixorbulu tnejn minnhom x'se jkun ġara għid? (Tpoġġi u tistenna) Se nixorbu jew?

Ġuv (Wara li jaħsibha ftit) Ħa nġib l-opener. (Iġib l-opener u jiftaħ il-fliexken. Ipoġġi)

Tfaj Ersaq aktar viċin ... isa .. mhux ser nigdmek. (Jersaq aktar qrib) Oqgħod komdu ... intelaq. Hekk mhux aħjar? (Tħabbat il-flixkun tagħha ma' tiegħu) Nixorbu bis-saħħa ta' ... bis-saħħa ta' ... (Tfittex madwarha) ... Nixorbu bis-saħħa ta' l-istatwa!

Ġuv (Jitbissem) Iva ... bis-saħħa ta' l-istatwa!

Tfaj Issa żgur ma jgħid xejn missierek meta jsib li nkunu xrobnilu l-birra. (Jixorbu fis-skiet minn ġol-fliexken) X'jismek?

Ġuv Simon.

Tfaj (Tirrepeti bil-mod) Simon ... Simon ...

Ġuv Missieri qatt ma jsejjaħli b'ismi.

Tfaj Kif mela? B'xi laqam?

Ġuv (Jaħseb, konfuż) Missieri ma jsejjaħli qatt.

Tfaj (Ma temmnux) Naħseb jien! (Tidħaqlu terġa tmellislu xagħru) Kemm għandek xagħrek sabiħ! (Did-darba ma jinġibidx 'lura. Ikompli jixrob u jaħseb) Għidli li missierek skultur.

Ġuv Iva.

Tfaj Mela għax mhux qed jaħdem bħalissa?

Ġuv Xi kultant jiġi żmien meta ma jkunx jista' jaħdem. Jgħid li kull ma jmiss jiġih ħażin. Bħalissa għaddej minn dik il-fażi. Ilu ma jidħol hawn ġew sitt ġimgħat.

Tfaj U x'joqgħod jagħmel meta ma jkunx qed jaħdem?

Ġuv Ifittex il-mudelli.

Tfaj (Wiċċha jixgħel) Iva? X'kumbinazzjoni! Jien qed nieħu kors fl-immudellar. Immur darbtejn fil-ġimgħa. Isma. Għax ma tgħidlux bija? Ngħoġobdlu mudella jiena!

Ġuv Inti?! Imm'int tfajla!

Tfaj Dażgur li jiena tfajla. ~~Hekk taqta'~~! (Tqum tippassiġġa u tiżżegleg) x' jidhirlek?

Ġuv Imm'Alla l-missier mhux tfajla!

Tfaj X'għandu x'jaqsam?

Ġuv Missieri qed ifittex mudelli għalih. (Juriha l-istatwa)

Tfaj Issa fhimt. (Terġa tpoġġi bil-qeddum) Rġiel irid, mhux nisa ... u tfajliet.

Ġuv Hekk hu. Għandu kaxxa mimlija ritratti ta' rġiel.

Tfaj Tgħidlix li dawk mejtin ukoll ...?

Ġuv Mhux kollha. Biċċiet minnhom lanqas jafhom. Riedhom għall-Missier. Imma għadu ma sabx ir-raġel ideali. Ilu sittax-il sena ifittex ...

Tfaj (Tidħaq) Mela mhux bħali! Jien, bla ma fittixt, sibt ir-raġel ideali. (Iddawwarlu wiċċu lejha)

Ġuv (Innoċentement) Min?

Tfaj Lilek. (Tbusu fuq moħħu. Jinġibed 'lura) Orrajt! Orrajt! Ma nerġax. (Terġa tixrob mbagħad wara ftit) Jien jisimni Gina. Jogħġbok dan l-isem?

Ġuv Iva.

Tfaj Ħa nisimgħek issejjaħli. (Jibda jistħi) Ilu Isa!

Ġuv (Minn taħt l-ilsien) Gina.

Tfaj Għajjat ftit ħa nisimgħek.

Ġuv (Jgħajjat ftit aktar.) Gina. (Jitbissem mistħi)

Tfaj Mela issa li taf x'jisimni tista' tgħajjatli kull meta tarani. U jien nista' ngħajjatlek ukoll. (Tagħmel idejha ma' ħalqha u tgħajjat) SIMON ! SIMON ! (Il-ġuvni iqum ħesrem u jisserja) X'ġara issa? Lanqas biss missejtek did-darba!

Ġuv Tgħajjatlix ...

Tfaj Il-għala?

Ġuv Ommi biss kienet tgħajjatli b'ismi.

Tfaj (Teħodlu idu) Tibżax ... issa hawn jien, jien ngħajjatlek flok ommok.

Ġuv Flok ommi? (Iħares fil-vojt)

Tfaj PAUSE (L-ewwel taħseb ftit) Simon poġġi ... trid tapersi jiena ommok? (Iħares lejha u hi tpoġġih bilqegħda u toqgħod ħdejh)

Ġuv Inti?... ommi? (Isibu pożizzjoni komda u jżommuha. FREEZE)

(Tibda l-mużika "59th Str. Bridge Song"(Feeling Groovy) u sadanittant joħroġ il-preżentatur li jpoġġi xi tip ta' ostaklu bejnhom u l-udjenza. Il-mużika tiffejdja)

TONIO U MARIA JOHORGU PARAVENTU →

Preż ~~(Joħrog imqass mill-but u jibda iqasqas fl-arja)~~ Kif intom sejrin? Nittama li kollox sew. Hawnhekk għadu kif kellna intervall mużikali u dan, minħabba xi "qtugħ" li kellna. ~~(Jidħaq u jerġa jpoġġi l-imqass fil-but)~~ Naħseb li fhimtu l-iskop li qiegħed ninterrompi x-xena. M'hemmx bżonn ta' spjegazzjoni - terġa, l-mużika poġġitkom fl-atmosfera, mhux hekk? ~~Nittama li taqbdu ma l-pass li kien~~ Mela issa tridu tqabbdu tużaw l-immaġinazzjoni tagħkom ... imma bil-mod! Tħalluhiex tiġri wisq bikom tafux! Ix-xena mhux ser tispiċċa kif forsi qegħdin taħsbu. Issa taraw ... (Jerġa iwarrab l-ostaklu u jdaħħlu ġewwa miegħu. Naraw it-tfajla b'idejha fuq spalltu u hu daru lejha. Iqum bl-herra)

~~Tfaj (Irrabbjata) Kemm int stramb! (Tqum) Lanqas li kont se nieklok!~~

Tfaj (Irrabbjata) Kemm int stramb! (Tqum ukoll) Lanqas li kont se nieklok!

Guv Ommi ma kienitx taghmel hekk.

Tfaj Ma tafx li jien mhux ommok?

Ġuv Imm'inti ghidtli ...

Tfaj ... Hallik milli x'ghidtlek jien! (Tħares lejn l-arloġġ taghha) Tlift biżżejjed ħin. Ma nafx x'fettilli ġejt hawn mieghek. Aktar jien ukoll. Kelli fejn immur u kont nieħu iżjed gost żgur! Arani sejra ...

Guv Le ... tmurx!

Tfaj Hux ma mmurx, ma mmurx! Mela noqghod hawn ma ġabas bħalek? Fidil wisq int!

Guv Fidil? Missieri jghid li ommi kellha harsa fidila ...

Tfaj ... Il-ħanina! Reġa! Ghax ma tmorrux tindifnu int u ommok! (Jinstema' bieb jinstabat u raġel jisghol) Issa sew! Ġie xi ħadd!

(TIH DAQQA)

Guv (Jibqa' wieqaf ma jiċċaqlaqx) Ġie missieri.

Tfaj Allura se tibqa tiskanta?! Ċaqlaq! (Tigbor il-fliexken tal-birra u tqeghdhom 'lura fil-kaxxa. Tirranġa xaghraha malajr. Tigbed lilu naħa) Issa x'ser nghidulu? (Fil-pront jidħol il-missier joghrok idejh. Iħares lejn l-istatwa u jerġa joħroġ bla ma jkun ta kas t-tnejn l-oħra) Dak missierek?

JOHN GOES IN LEFT.

Ġuv Iva.

Tfaj Mela ghax ma kellimniex?

Guv Ghax moħħu fl-istatwa.

Tfaj Ma tantx tixxiebhu int u missierek. Ma jidhirx fidil bħalek ...

Ġuv	Dak ghax qed jahseb.

Tfaj	(Terġa tirranġa xaghraha u titbissem) Malajr intih x'jahseb jien .... X'jismu missierek?

Ġuv	Jien 'pa' nsejjahlu.

(John comes in)

Tfaj	Grazzi. Min ma jafx? Imma jien, x'nista' nsejjahlu jien?

Mis	(Sadanittant ikun reġa dahal) Din tal-horsetail? (JIpponta lejn lit-tfajla)

Ġuv	Le. Din ohra. (Il-missier jerġa johroġ)

Tfaj	(B'idejha fuq ġembha) Issa fhimt! Mela m'intix fidil daqs kemm tidher! U din tal-horsetail ... min hi?

Ġuv	Wahda li rajt fit-triq m'ilux. Ridt inkellimha imma telqet tiġri.

(John comes in)

Tfaj	U hallina! Tghid mhux ser nemmnek? (Jerġa jidhol il-missier)

Mis	(Lit-tifel) Issa, ġiebli s-sellum. Illum ser nerġa nibda nahdem. Ili wisq saqajja ma' l-art. Hemm bżonn nitla' hemm fuq herġa. (Iħares lejn l-istatwa)

Ġuv	(Lit-tfajla) Ha mmur inġiblu s-sellum. (Johroġ u t-tfajla tibqa tħares lejn missieru)

Tfaj	Jien jisimni Gina. (Tisghol biex tiġbidlu l-attenzjoni) Kont sejra.

Mis	(Xott) Tista' tibqa' jekk trid.

Tfaj	Ma rridx infixklek.

Mis	(B'entużjażmu) Le. Bħalissa ħadd u xejn ma jista' ifixxkilni. Ghandi aptit naħdem. Ili wisq sajjem! Illum se naħdem daqs bagħal. Qed inħoss enerġija barranija u rrid niżvoga. (Dejjem iħares 'l fuq)

Tfaj Sabiha ġejja l-istatwa hux?

Mis (Idur fuqha f'daqqa) Ħallik mill-kumplimenti. (Tinħasad) Intom x'kontu qegħdin tagħmlu hawn ġew?

Tfaj Aħna? Xejn ... xejn ...

Mis Tgħidlix xejn. Tfajliet bħalkom naf x'intom.

Tfaj (Arroganti) Mela mhux bħal ibnek għax dak ...

Mis Lil dak issemmiħx.

Tfaj Imma hu kien li ġabni hawn.

Mis Mhux qed immerik.

Tfaj (Mifxula) Aħjar immur ...

Mis (Iżommha minn spallejha u jħares lejha sew) Fik tfajla ġmiela ...

Tfaj (Titbissem) Grazzi. Kulħadd hekk jgħidli. (Pawża) Isma', jiena mudella taf ...

Mis ... Naf. Għidtlek li naf x'int. (Jibda jimbuttaha 'l ġewwa) Idħol f'dil-kamra ħalli npinġik ... (It-tnejn joħorġu. * Wara ~~ftit~~ l-mużika, jidħol it-tifel bis-sellum)

Ġuv (Iqegħdu f'postu) Hawn hu s-sellum. (Iħares madwaru u ma jara lil ħadd) Pa! Is-sellum ġibtulek! Pa! (Jindirizza l-istatwa) Dażgur li ma jweġibx. Vizzju tal-missierijiet għandu jkun. Int mhux ukoll? Qatt ma tweġibni meta nkellmek. Missek tidra taf, Isma' minni. Għax meta missieri jlestik, se jkollok ħafna nies ikellmuk. Min jitolbok għax-xita u min jitolbok għax-xemx. (Jurih ponn) Iva kellimni! Għal xejn hux? Int rasek taż-żonqor! (Jidħlu t-tfajla u l-missier. It-tfajla tidħaq u tibqa ħierġa 'l barra) Sejra?

* Mużika bħal ta' qabel waqt li l-preżentatur jaqsam il-palk minn naħa għal oħra, iqasqas l-imqass fl-arja u jidħaq.

Mis Int ħalliha 'l dik. Tfajliet bħal dawk m'għandekx xi tridom. Dawk ħallihom f'idejja. (Jidħaq u l-ġuvni jiskanta lejh għax qatt ma rah f'dil-burdata. Il-missier jiftaħ flixkun birra u jibda jixrob)

Ġuv Għax qed tidħaq?

Mis Qed nidħaq bik.

Ġuv Imma għaliex?

Mis Kieku taf .... kieku taf! (Ikompli jidħaq)

Ġuv Qatt ma rajtek hekk.

Mis U forsi qatt aktar m'int se tarani hekk.

Ġuv. Imma xi ġralek?

Mis (Jibda tiela s-sellum) Ħallik mill-mi toqsijiet u ejja żommli s-sellum. (It-tifel jobdi)

~~Ġuv Fejn marret dik?~~

Mis Fejn naf? Waħda ngħidlek. Insiha lil dik. Lil dik nieħu ħsiebha jien. Int aħseb f'dik tal-horsetail. (Jerġa jidħaq) Hux telqet tiġri għidt? Did-darba ara jekk jirnexxielekx taqbadha għax waħda bħal dik tgħodd għalik.

(Il-missier jitla' sakemm ma jidhirx aktar u l-ġuvni ipoġġi fuq l-ewwel stafa tas-sellum mħasseb għall-aħħar. Jidħol il-preżentatur u jpoġġi faċċata tiegħu.)

Preż X'taħsbu? Konna prudenti biżżejjed? Abbużajna? Ma jidhirlix. Imxejna bilmod u qisna kollox bir-reqqa. Miskin. Ħarsu lejh. Lanqas jaf x'laqtu. Imma din se sservih ta' tagħlima - għalkemm qarsa. Din l-esperjenza se ġġiegħlu jaħseb ħafna .... (Il-preżentatur jidħol)

Ġuv (Iqum bil-wieqfa) It-tfajla bil-horsetail tgħodd għalija. Hekk qal missieri. (Jinstemgħu id-daqqiet ta' l-iskarpell) It-tfajla bil-horsetail .... (Imur jittawwal mit-tieqa)

Ġuwni: L-oħra se jieħu ħsiebha missieri .... (Jitbissem) ... Forsi għax tixbaħ lil ommi? Iva, dik hi!. Għandu raġun. Lil dik se ninsiha. (Jidher ferħan f'daqqa waħda) It-tfajla bil-horsetail! It-tfajla bil-horsetail! Did-darba mhix se taħrabli. Le. Manqas jekk naf x'naf!

(Jitlaq jiġri 'l barra ferħan se jtir)

Purtiera.

## It-Tielet Att

L-istess xena. It-tfajla tal-horsetail (marbut b'ċoff), bilqegħda qrib is-sellun. Din hija sorda-muta iżda dan il-fatt ma jridx jidher mill-ewwel. Wara ftit jidħol il-ġuvni bil-Bibbja f'idu. Trid tkun it-tip ta' Bible stories tat-tfal bi stampi kbar u bil-kulur.

Guv Rajtx kif ma domtx? (Jintefa' bilqegħda ħdejha) U sibt il-paġna wkoll. Hawn hi. (Ikollu subajh għall-lest u jiftaħ fil-post mill-ewwel) Qed tara? (Teħodielu minn idu biex tifli l-istampa) Sabiħa l-istampa, naf. Dan il-ktieb fih ħafna stampi sbieħ imma dik il-favorita tiegħi. Meta ommi kienet toqgħod taqrali minnu, tgħidx kemm kont nogħxa nħares lejn l-istampi! (Tħares daqqa lejn l-istampa u daqqa lejn it-tfajla qisu qed jiggustaha. Jidher ferħan. Wara ftit ittiħ il-Bibbja 'lura. Jibda jaqra mill-episodju ta' meta nstabet iċ-ċkejkna tarbija Mose' fil-qoffa. Issa jmiss lit-tfajla biex tħares daqqa lejn l-istampa u daqqa lejn il-ġuvni qisa qed tammirah)
... U jara li l-Eġittu kellu Farawni ġdid. Dan kellu biża' kbir li l-Lhud kienu se jsiru poplu aqwa u b'saħħitu aktar minn tiegħu. B'hekk qategħha li t-trabi subien kollha tal-poplu Lhudi jintefgħu fl-ixmara. Waħda omm ħasbitha sew u biex teħles lil binha ċkejken minn dil-għarqa kiefra, poġġietu f'qoffa tal-qasab u ħbietu qalb iz-zkuk u ħaxix ħdejn ix-xmara. Imbagħad, għax hekk kien miktub minn Alla, l-kurrent qawwi kaxkar miegħu l-qoffa u ċ-ċkejken tarbija sakemm sabu ruħhom band'oħra. Matul dan kollu t-tarbija raqdet raqda ħelwa u hekk kif stembħet, fetħet għajnejha u ħarset 'l fuq, lemħet tfajla, liema tfajla kienet qed tħares 'l isfel ġol-qoffa. Din kienet l-prinċipessa, it-tifla ta' l-istess Farawni li ried jeħles mit-trabi Lhud. Iżda din kellha qalbha tad-deheb u wiċċha mtela' bil-ferħ meta rat din it-tarbija hekk sabiħa u innoċenti, tidħak u tiċċarċċra waħidha fil-qoffa. Gabritha u għanqitha magħha u minnufih qatata li trabbiha hi. Semmietu Mose'. U b'hekk Mose' trabba ġewwa palazz u aktar tard Alla għażlu biex imexxi l-poplu Tiegħu 'l barra minn Eġittu. (Jagħlaq il-ktieb)
Naf l-istorja bl-amment u ma nista' ninsiha qatt għax togħġobni wisq. Għandek tgħid, kemm kienet xortiha tajba dik it-tarbija ... mhux bħali ... u bħalek. (B'subajh imellsilha xufftejha u hi titbissem) Alla ħenn għaliha dik

Charmaine tmiss xuftejh

it-tarbija. Iva, kien nanin maghna. Missieri hekk jghid ukoll. (Donnu jiftakar f'xi haga u iqum jittawwal 'l fuq lejn l-istatwa) Imma ghadu ma rnexxielux iqieghed ftit minn dik il-hniena f'ghajnu tax-xellug. (It-tfajla tqum kurjuza u thares 'l fuq hi wkoll) Hares u ghidli x'int tara f'ghajnejh. (Biex ifehma jipponta lejn ghajnejha mbaghad lejn l-istatwa u terga lejn ghajnejh stess. Donnha ma tifhmux) Tibżax. Tħares xejn mela. (Iddawwarha sakemm tiġi darha lejn l-istatwa) Jaqbel li nhallu dak ix-xoghol ghal missieri. Hu jaf x'irid wara kollox. (Jiġbidha bil-qeghda) Dak missier ukoll, taf? (Ma tweġibx) Ghandek raġun. Lilek x'differenza taghmillek? (Jahseb ftit) Xi darba nġibu 'l missierek hawn ha jarah. Peress li missierek huwa missier, ikun jista' jifhmu ahjar. Lil dak irrid nghid. (Jipponta 'l fuq) Ghax tghid, forsi jkun jista' jifhem lil missieri wkoll! (Jidhaq u hi titbissem, naturalment mhux ghax tkun fehmitu) Iss'ara, jien sejjer ninhasel u nilbes halli noqorgu ma jimlu ġewġ passi. Stennini hawn. Mhux ser indum. (Jibda miexi u hi, innoċentement, tibda miexja warajh. Idur u jwaqqafha) Le, ghidtlek stennini hawn. (Ipoġġiha bil-qeghda) Oqghod ara l-istampi sakemm niġi. (Ipoġġilha l-ktieb f'hoġorha u jitlaq. It-tfajla tibda ddawwar il-paġni. Wara ftit tinstema' tisbita u lehen ta' raġel jokrob u jghid: "Ahh!" It-tfajla ma turi l-ebda reazzjoni. Jidhol it-tabib ~~[illegible]~~ waqt li joghrok irkopptu fl-istess hin. Ghandu bagalja żghira. Ma jindunax biha mill-ewwel u lanqas it-tfajla ma tinduna bih)

JOE LAUGHS

JOE GOES OUT FROM LEFT

Tabib Daqqa bhal dik kien jonqosni! Ajma hej, x'tugghani l-irkoppa. Dak il-mishut tapit! Hawn ġew ghandu jkun hadd ma jagħmel xejn. Sena ilu l-ahmar li ġejt, u t-tapit irrumblat kien u rrumblat baqa! (Ihoss l-irkoppa) Issa mat-tużżana vini mqabbża l'ghandi, ha nżid tbenġila minn dawk is-sbieh! /SITS (Jiftakar fl-istatwa u jhares 'l fuq) Int ghadek hawn?! Id-dinja tieghek int! Ahjar minni zgur ghax ghadek bla rkopptejn. Pause M'ghandekx biża li tahbathom. Kulhadd xortih fid-dinja. Toqghodx thares lejja bl-ikrah ghax naf x'jien nghid. U bir-rispett kollu taf, ghax lilek nista' nkellmek kif irrid. Ghad m'intix ġo knisja, fhimt? Ghalissa int semplici ġebla u xejn iżjed. (Xi hin waqt dan id-diskors it-tfajla tinduna bih u tinhasad. Tistahba wara l-kavallett. It-tabib ghadu jewhden wahdu) Halli ~~nsorġi ftit u~~ naghmel vista sura ta' nies. (Ipoġġi u jtella' l-qalza. Jaghfas

l-irkoppa 'l hawn u 'l hinn.) M'hemmx affarijiet kbar siehbi. Il-patella ma ġralha xejn. Idlek delka lasolin u f'kemm ili nghidlek terġa tibda taghti biż-żewġ. (It-tfajla, kurjuża, tohroġ ftit mill-mohba taghha biex tarah aħjar. It-tabib ghadu minn ghalih wahdu fil-kamra) Kemm inhobb nitkellem wahdi . . ma jmerini hadd. Mhux hekk biss, imma nhoss li jaghmilli tajjeb ghan-nervi. (Jerġa jqum u jitkellem ma' l-istatwa) Qed tansibni eċċentriku? Ahseb li trid. Jien l-aqwa li nistrieh. Da żgur, li x'ma nistriehx wara ġurnata shiha nparla ma' nies anqas intelliġenti minni! Taf xejn, l-ewwel vista tal-lum kienet fit-tmienja u ma kellix minuta ghalija wahdi hlief ghal nofs siegha waqt l-ikel? U mhux ser noqghod nitkellem wahdi waqt hin l-ikel inkella qatt ma nlesti. Allura kilt u qaghad nisma' biss, nisma' l-hsiebijiet tieghi. U emmini, dak mhux bizżejjed ghalija. Ġurnata shiha hlief nisma' ma naghmilx. Minn fil-ghodu sa fl-ghaxija, bil-paċenzja kollha, nisma' 'l dak u lil iehor. Dejjem l-istess kantaliena. M'jibqa' jo fih bniedem? Biex nistrieh ikolli bhonn nisvoga u x'hemm ieh b milli wiehed joqghod jitkellem wahdu? Iva, nitkellem wahdi ... u nisma' jekk irrid! Kif tgħmel int wara kollox. (Jerġa jpoġġi) Issa fejn konna? Iva. Idlek ftit Lasinil. U la qieghed taht idejja, m'intix ser taħrabli. Jaqbel li naghmillek vista aktar bir-reqqa. Wara kollox, ta' l-eta' tieghek ma thunx idea hażina. Bhala prekawzjoni, ifhimni. M'ghandekx ghal-fejn tibża'. Ghad ghandek snin ta' ors. (Mill-bagalja johroġ strument biex jitkejjel il-pressjoni. Ixammar l-komma tal-qmis u jibda jippompja u jhares lejn l-arloġġ. It-tfajla taffaxxina ruhha b'dak li qed tara) Imm, 110. Insomma, hi ftit baxxa imma xejn gravi. Tibżax, kieku ghandek xi haġa serja mhux ser noqghod indurlek mal-lewża, imma nghidlek ċaqq-pumm! (Jiehu nifs kbir 'l ġewwa) X'gost li kieku nista' nitkellem hekk mal-pazjenti, minghajr prudenza. Jien hekk nghid. Tabib jista' jkun bravu u simpatiku kemm trid, jista' jkun mahbub u nfittex mill-pazjenti tieghu, imma tabib ikollu jghix f'dinja mahluqha ghalih. Irid jinqata' wahdu. Issa ara lili. Wara snin twal naghti tama falza lil dawk li jkunu morda serjament, xi kultant nispiċċa biex lanqas nemmen lili nnifsi. Per eżempju, fil-bidu tal-karriera tieghi, fil-waqt li bis-swaba ta' jdejja kont nsib xi boċċa suspettuża, kont niċċajta ma' l-istess pazjent qisu ma ġara xejn. Illum il-ġurnata sirt indifferenti. Sirt iebes daqs ġebla. Bhalek!! (jerġa jirreferi ghall-istatwa)

* istrument.

Taf xejn li nixtieħbu jien u int? Lilna kulħadd ifittixna għall-wens. Għalhekk aħna qatt ma żżewwiġna, biex niddedikaw ħajjitna għall-umanità', għall-ġid ta' ... (Jinduna bit-tfajla u jibdel it-ton) U hawn x'għandna l-lejla? Jien ~~Dr. Parker~~ it-tabib. U int min int sbejħa? (walks away) (Ma tweġibx) Jien qed nistenna l-iskultur u kont qed nitkellem waħdi ... taf int, terapija jgħidulha. (Jinduna li għad għandu l-qalza mtella' u l-komma mxammrha. Jirranġhom) Daqxejn żmattat, iva, imma dak għax kont qed nagħmel awto-vista. Ma nħobbx navda ruħi f'idejn ħaddieħor għax ma tantx hawn tobba kompetenti dawn l-inħawi. (Jidħaq) Meta jkollok bżonn ... nagħmillek vista, tajjeb? (Jiflieha minn rasha sa saqajha) Għadek m'għidtlix min int. (Silenzju) Isma', ħadtli rasi tpaċpaċ! (Jidħaq u hi titbissem. Sadanittant jidħol il-missier) Almenu. Fhimtha ċ-ċajta. Għal mument ħsibtek truxa u muta.

TURNS ROUND

Miss (Jinterrompih) Min qallek li mhix?

Tabib (Meraviljat) Sorda-muta eh? U min hi?

Miss Ma nafx. Ibni sabha x'imkien.

Tabib U kif għamel ibnek biex sab kreatura bħal din?

Miss Jien naf? Lili ssaqsi? Int sup ost taf aktar minni. Is-soltu lilek ma jaħrablekx dublett!

Tabib (Għajnejh għadhom fuqha) Għandu gosti sbieħ ibnek! (Lilha) Durli dawra ħanina. Bil-ħaqq, insejt. (B'idu fuq spallejha idawwarha u jammiraha) Bellezza! Mhux hekk biss, imma għandha d-don tas-silenzju.

Miss Don?

Tabib Ifhimni. Hi naqra stramba li fil-kas ta' ibnek kellu jsib tfajla bħal din. Imma li kieku kont jien, din kienet tkun għażla naturali għalija. (Jieħu nifs 'l ġewwa) B'dil-kreatura ma jkollix għalfejn nitkellem, ħlief f'dawk il-waqtiet essenzjali.

Miss Titkellem meta ma tistax tisimgħek?

Tabib Nkellimha b'idejja, bis-sinjali. Hares. (Jagħmlilha sinjali.

It-tfajla titbissem u misthija ddawwar wiċċha fid-direzzjoni minn fejn hareġ il-ġuvni)

Miss K'ghedtilha?

Tabib Ghidtilha li jogħġobni xagharha.

Miss Dak kollu?

Tabib U mela!

Miss Ara ma jaqbdekx ibni.

Tabib Tassew. Ibnek x'jaghmel biex jikkomunika maghha. X'jaghmlu meta jkunu flimkien? Fejn imorru?

Miss Qatt ma staqsejtu. Mhux affari tieghi.

Tabib K'jicitha?

Miss Ibni jsejjhilha "it-tfajla tieghi."

Tabib Imma qed johorġu flimkien bis-serjeta'? (Ghajnejh dejjem fuqha)

Miss (Jibda jitlef il-paċenzja) Ma nafx. Issa jekk jogħġbok, hallik minn dawn il-kmerijiet u ara x'ghandi jien.

Tabib Bil-haqq, ghalhekk ġejt jien hux? Dik nessietni.

Miss (Sarkastiku) Jista jonqos!? Issa ara daqxejn x'ghandi ghax qed nibda nibża'.

Tabib Ta' l-eta' tieghek haġa naturali. Jien ukoll nibża' xi kultant.

Miss Int bhalek minn xhix trid tibża'?

Tabib Il-hsieb li xi darba ghad nitlef dik l-attrazzjoni li tant tiġbed in-nisa u t-tfajliet warajja. (Jerġa jaghmlilha xi sinjali u hi l-ewwel taghti harsa lejn fejn hareġ il-ġuvni mbaghad titlaq tiġri 'l barra mifxulha ghal kollox)

JERSAQ LEJNHA U JMISS XAGHRA

Miss Jaqaw ghaddejtilha dak il-hsieb tieghek?

Tabib Da żgur li le. Ghadu nagra kmieni ghal dawk il-kunfidenzi. Le, le. * Jien sempliċement ghidtilha li kollox sew.

Miss (Mhux konvint) Insomma, mhux ahjar tinsa lil dik ghal ftit u taghti kasi?

Tabib Kollox sew. Ghidli x'inhu jinkwetak.

Miss Sirt nistordi meta nitla' dak is-sellum.

Tabib Ma jidhirlix li din hija xi haġa ġdida ghalik. Is-sena l-ohra ġralek l-istess.

Miss Iva, imma issa dawn l-isturdamenti qed jaghtuni aktar ta' spiss.

Tabib Niftakar kont ghidtlek li kellek il-pressjoni gholja. Kellek taqta' l-birra.

Miss Mejor Iva. Ma qtajtx mill-ewwel imma issa ili xi xahar ma nmiss qatra ma' halqi. M'ghadnix nixrob birra. Issa noghol biss u xejn pjaċir.

Tabib Xejn pjaċir? (Ixejjer rasu) Mhux sew dan. Hares lejja. Ghaliex tahseb li ghadni nidher żghir? Dak Ghax naf ingawdi u niehu pjaċir. (Jaghti harsa 'l fejn harġet it-tfajla) Trid tohroġ u tgawdi.

Miss Imma mhux qabel ma nlesti l-istatwa. Ftit xhur ohra baqgħali. Ghalhekk sejjahtlek illum. Ghandi bżonn flixkun iehor minn dawk il-pilloli li kont tajtni darba. Irrid biżżejjed ghal ~~xahrejn~~ xahrejn jew tlett xhur ohra. Mbaghad ma jkollix bżonnhom aktar.

Tabib (Jidhaq) Ftit xhur ohra u tlesti l-istatwa?! Ma nemminekx. Kemm ili nafek dejjem hekk tghid. *

Miss (Offiż) Tahseb li qed indum wisq? Mela ma smajtiex tal-pittur li kien qed ipitter l-mara u t-tarbija ta' ċertu konti li bhalissa ma niftakarx jismu? Il-konti xeba' jistenna l-pittura u talabielu. Il-pittur qallu li kien ghad jonqsu xi żewġ seduti ohra. U l-konti wieġbu. Marti tista' toqghodlok kemm trid, imma t-tarbija issa dahlet fl-Army!

Tabib (Jidhaq) Tajba, tajba! Għoġbitni!

Miss (Jibqa' serju) Dan ġur. Int ti haq għax l-arti ma tifhimix kif nifhimha jien. L-arti hija haġa ma tieqaqlaqx. M8 għandekx idea kemm tindanna meta tara s-suġġetti tiegħek jikbru u jinbidlu quddiem għajnejk u ma tistax twaqqafhom. Grali hekk b'ibni. (Jipponta lejn l-istatwa) Hu kellu l-istess problema. Lanqas seta' jilaqħaq ma' Adam għax f'kemm ili ngħidlek, minn raġel il-ġmiel tiegħu malajr sar ix-xwejjah Abram!

Tabib (Jisserja) Li ż-żmien ma jistenna lil hadd, naqbel miegħek. Niftakar meta inti bdejt tahdem fuq l-istatwa. Ibnek kellu xi sentejn jew tlett snin. Kien marid. Tiftakar?

No 20 years

Miss Marda tas-soltu, tat-tfal ngħidilha jien.

STANDS UP

Tabib Le. Din ma kienitx tas-soltu. Hi tahar li kellu attakk ta' meninġite. (Jisserja aktar) Hadd ma rak ġmiel jindhat sheh u sahansitra kont torqod hemm jew uholl. Din l-imgieba tiegħek ma kien għoġobni xejn. Qatt ma tajt nifhem l-egoiżmu tiegħek. Issa ili nafek ma' l-għoxrin sena u qatt ma naf li int xi darba ffaċċajt problema bhal raġel.

Tabib faces MISS

Miss (Urtat) Int stenna! Issa nlesti l-istatwa mbagħad nurik!

Tabib Ohlom! Ohlom! Int, dik l-istatwa m'int ser tlestiha qatt. Ngħidlek, tispiċċa int qabilha!

Points to him.

Miss Le. Nlestiha! Lanqas jekk naf x'naf. Tini dawk il-pilloli u nurik.

Tabib Int rasek ~~taż-żonqor biex għandek ta' qatta xi...~~ iebsa! Kollox sew, intihomlok ... forsi ma tafx kif, qabel immut ikolli ix-xorti niġi għall-kxif tal-'kapolavur' tiegħek! Imma qabel xejn irrid ninvistak.

SITS DOWN

Miss (Jinhasad) Għalfejn? Mhux ġa nvistajtni?

Tabib Il-vista ta' sena ilu ma tgħoddx. Meta nixjiehu, vista rridu nagħmluha aktar ta' spiss. Int qatt ma osservajt kif ilma li jkun hiereġ minn ġo flixkun l-ewwel jinżel bil-mod u aktar ma joqrob lejn l-aħħar, aktar jinżel bil-qawwa? Aħna l-

bnedmin l-istess. Iż-żmien jigri bina. Iva, lestiha l-istatwa jekk ghandek il-hila ... qabel ma jkun tard wisq.

Miss — Tini dawk il-pilloli u nlestiha.

Tabib — Hallini ninvistak u ntihomlok.

Miss — Ma rridx.

Tabib — Jien tabib, m'inix spiżjar. Jekk tridhom trid thallini naghmillek vista. Jekk mhux hawnhekk, ejja arani aktar tard fil-klinik tieghi.

Miss — M'ghandix hin x'nitlef nistenna wara xi kju. Ghandi hafna x'naghmel hawn gew.

Tabib — Meta gejt jien, int lanqas|biss kont hawn gew.

Miss — Kelli qadja ... kelli bżonn nidhol sal- ...

Tabib — ... Bil-haqq. Snienek qed jahdmu normali?

Missier — (Jitlaghlu) Int ... ghax ma tmurx tindifen?! Walks away.

Tabib — (Bil-kelma kollha) Mhux ghalissa siehbi. Mhux ghalissa. Ghad ghandi hafna x'naghmel f'did-dinja. (Jigbor il-bagalja)

Miss — Fejn sejjer?

Tabib — Sejjer sal-klinik tieghi. Ghandi hafna pazjenti qed jistennew halli ninvisthom. (Jaghmel sinjali b'idejh)

Ghalfejn qed taghmel dawk il-mossi b'idejn.

Miss — M'intix tara li lanqas biss qeghda hawn it-tfajla?

Tabib — Qed nara iva. Kont sempliċement qed nitkellem wahdi! (Jitlaq 'l barra b'suppervja. Il-missier jibqa' f'pożizzjoni wahda u johrog il-prezentatur)

Preż — Hawn jien. (Jidhaq) Nahseb drajtu minghajri, hux hekk? U iva. Ma tantx kien hemm x'tifhem f'dak li rajtu s'issa f'dan l-ahhar att. Kollox car daqs il-kristall. Nghidu ahna, l-missier u l-iben issa tafu xi jsarrfu. It-tieni tfajla, dik tal-horsetail miskina, indunajtu bil-mankament taghha, u

t-tabib ... Żgur ntbaħtu x'tip ta' bniedem hu. Wieħed minn dawk li jgħoxa wara l-grada ta' xi skola, jew iħuf fuq il-blat u x-xtut fis-sajf. Għeżiż ġenituri, hawn ħafna minn dawn, tafux. Oqgħodu b'seba' għajnejn! U intom tfal, (sintendi dawk ta' 'l fuq minn sitt snin għax intom biss permessi tidħlu hawn), ara ma tagħtu kunfidenzi lil ħadd, fhimtu? (Jaqsam il-palk u jaqbad ma' xi sezzjoni oħra tal-platea) Hela, kif kont qed/ngħid, ma tantx telliftkom f'dan l-att. X'jien ngħid? Ma telliftkom xejn anzi! Imma rrid inkun sinċier. Ktaqt niddeffes xi ftit imma nqbadt f'argument wara l-kwinti. Waħda ġiet fuqi u qaltli: "X'intom ittuna l-lejla? Ma nistax naqbad tarf!" U ieħor minn-naħa l-oħra qabadni minn driegħi u qalli: "Prosit. Prosit tassew! Funa aħtar minn dawn it-tip ta' reċti." Hekk kif kont ser inwieġbu rajtħet qabbet dik ta' l-ewwel u bdiet tilletika miegħu. Fovru jien, inqbadt f'nofshom nipprova nsikkithom li ma jmorrux itellfu mill-konċentrazzjoni ta' l-atturi. Ħbieb tiegħi, dak kien eżempju ħaj ta' diskussjoni taħraq! Ara ma tmorrux tgħidu bħalhom intom li qegħdin issegwu kollox minn hawn isfel. It-tir tagħna huwa li tassew noħolqu diskussjoni imma diskussjoni matura. Mhux bilfors li naqblu ma' xulxin, iżda xorta waħda nistgħu niddiskutu b'mod ċivili. Hela issa ser inħallikom ... (F'nofs l-aħħar kliem jaqsmu l-palk Mara u Raġel mitlufin f'argument shun. Il-preżentatur jieqaf biex jismagħhom)

Mara — Imma x'gost fih xogħol bħal dan? Filli jitkellmu, filli jistiraw u jimmutaw. Mbagħad dak l-imnieżah ta' ~~preżentatur~~ GWIDA. lanqas naf x'qisu , dejjem jaqbeż fin-nofs! Mbagħad l-istatwa. Kif qatt ma narawha? Kieku kulħadd jħares 'l fuq, imma m'hemm xejn. U le. Veru mġienen dawk li jaqgħodu għal ħaġa bħal din.

Raġel — Mġienen dawk bħalek li ħlief imaqdru ma jagħmlux. Anzi, mhux mġienen, għax kieku nikkumpatihom. Imma nies bħalek injoranti, dak li intom! Possibli ma fhimt xejn? Jew aħjar tgħid li ma tridx tifhem. Jaħasra, hawn tant x'titgħallem minn xogħol bħal dan. Kif ~~dan~~ m'intix tirrealiżżah dan?

Mara — Taf x'ngħid? Li iġri jispiċċa ħa nitlaq lejn id-dar.

Raġel — X'inhu jżommok? Tista' titlaq issa jekk trid. ~~[illegible]~~

Mara Jien se nibqa sa l-ahhar ghax jien hallast. Ma rridx nahli flusi.

Ragel Int trid tibqa sa l-ahhar ghax trid tara kif se jispicca. Jien nghidlek li qed tmut bil-kurzita.

Mara Kont ser nghidlek ! (Jergghu jidhlu fil-kwinti u l-kliem jonqos bil-mod).

Prez. Skuzawni sinjuri. (Iqahqah) U issa, wara dik l-interruzzjoni, ser inhallikom tgawdu l-ahhar ftit xeni.

Tonio (Waqt li jkun hiereg il-prezentatur) Bhal dak li qallu li ma tafux li dawk it-tnejn huma parti mir-recta ! Kull ma ntqal, intom tafu daqsi li kien kollu miftiehem.

Prez. Smajtek Tonio ! Kollox sew sinjuri, Tonio ghandu ragun. Naf li intom ma blajtuhiex. Imma ... issa ifthu widnejkom. Biex naghti cans lilkom biex tesprimu l-opinjoni taghkom, se ntella bil-polza ittra u numru li jikkorrespondu mas-seat taghkom. U dak l-ixxurtjat jew svinturat li jinzerta f'dak il-post se nistiednu jitla hdejja u jghid tieghu. (Jitla n-numru u tifla tgholli idejja) Itla tisthix ! (Titla hdejja) Lanqas sejrin temmnu ! Din Margot, it-tifla tieghi. X'kumbinazzjoni ! Mela Margot, ghidli x'tahseb dwar din ir-recta.

Tifla Toghgobni hux ?

Prez. Smajtuha sinjuri ? Toghgobha. It-tfal ta' zaqqhom f'fommhom jghidu. Mela din tassew hija opinjoni sinciera. U x'tghidli izjed Margot ?

Tifla L-istil joghgobni ghax qatt ma kellna bhalu s-Salesjani. Is-suggett interessanti. U qed niehu gost bil-muzika. L-idea li tahdmu minghajr purtiera nahseb tajba wkoll.

Prez. Prosit Margot u grazzi. Issa tista terga tmur f'postok u tgawdi l-ahhar xeni li fadal.

Tifla (Tkun sejra mbaghad iddur) Mummy ....

Prez. Hawn ?

Tifla Tinsiex ittini dik il-lira li weghedtni.

Prez. Xxx ! (Johorgu flimkien).

Tonio Kellha ragun Maria. It-tfal ta' zaqqhom f'fommhom ! (Jittawwal gewwa mbaghad jerga jpoggi) OK John, tista tkompli.

Il-missier jersaq lejn is-sellum u donnu jittestjah biex jara jekk hux sod bizzejjed. Idawwar habel ohxon ma spalltu u jibda tiela bil-mod. Jieqaf fuq l-ewwel targa, x'hin jara il-guvni diehel mahsul u mlibbes. Il-missier jerga jinzel, aktar bhala skuza milli biex ikompli mieghu. Il-guvni jaghti daqqa t'ghajn mal-kamra jfittex lit-tfajla.

Guv. Fejn marret ?

Miss. Harget. U int fejn sejjer ?

Guv. Hiereg maghha. Forsi qed tistennini isfel fejn il-bieb kif taghmel is-soltu.

Miss. Qabel titlaq trid tghini nitla. Irridek izzommli s-sellum

Guv. (Jobdih u l-missier jitla bil-mod) Ghandi xi nghidlek ...

Miss. .... Hallik mill-paroli issa. Zommu sod ! Qed inhossni qed nitbandal.

Guv. Jien jidhirli li s-sellum sod bizzejjed.

Miss. Tmerinix u ibqa zomm sod. (Idum jahsibha biex ikompli tiela)

Guv. Jien u tfajla tieghi sejrin tajjeb hafna flimkien.

Miss. (Skuza biex jerga jieqaf) It-tabib imur tajjeb maghha wkoll.

Ġuv It-tabib?

Miss Iva. Sa ftit minuti ilu hawn kien u tgħidx kemm kompla magħha.

Ġuv (Skantat) Kif?!

Miss B'idejh. Mgħaġġbin kemm daħqet! (Jeżaġera)

Ġuv (Inkwetat) Mela qagħad jagħraxha?

Miss Le. Qagħad ikellimha b'idejh ... bis-sinjali.

Ġuv Issa fhimt. Kemm nixtieq nitgħallem nitkellem hekk jien ukoll.

Miss Ma tridx għerf wisq, talanqas mhux biex tgħid dak li qalilha t-tabib.

Ġuv X'qalilha?

Miss Xejn speċjali. Biss, irnexxielu jdaħħaqha. (Iħares 'l fuq) Sħana wisq hemm fuq. Ma neħsibx li nista' naħdem illum. (Jerġa jinżel)

Ġuv Irnexxielu jdaħħaqha? Imma kif? Miegħi titbissem imma qatt ma tidħaq. Lanqas meta neħodha t-talkies biex tara lil Charlie Chaplin jew xi film tal-cartoons. Qabel films bħal dawk kienu jogħġbuni imma issa ~~mhux li ma nistax nidħaq bihom aktar.~~ ma jdaħħqunix aktar. Meta xi ħadd jiżloq fuq qoxra ta' banana jew jinkesa b'xi torta tal-krema nħoss qalbi tingħafas, għax hi tibqa serja. It-tfajla tiegħi tithassarhom għax għandha qalbha tad~~d~~deheb. La ma tidħaqx hi, ma nidħaqx jien.

Miss (Jinjorah) Hemm fuq hemm sħana taqli l-ġrieden. Forsi nħossni aħjar filgħodu. Itla' ġiebli l-għodda ħalli sadattant noqgħod insinnhom.

Ġuv (B'sieq waħda fuq l-ewwel staffa) Fakkarni li għandi xi ngħidlek. Fuqi u fuqha.

Miss (Waħdu jilgħab bil-ħabel) Lanqas xarba birra ma nista' nieħu!

Guv (Jinduna bil-ħabel u jieqaf fuq is-sellum) X'ser tagħmel bih dak il-ħabel?

Miss Kont bi ħsiebni ndawwar l-plataforma bih biex inqalli ma' fejn naqbad meta jagħtuni l-isturdamenti.

Guv (Jinżel bl-għodda f'idu) M'għandekx biżżejjed biex tagħmel hekk. Għandi idea. (Jeħodlu l-ħabel minn idu) Orbtu ma' qaddek ... hekk ... (Juriħ kif) ... u orbot in-naħa l-oħra miegħu. (Jipponta lejn l-istatwa) Ma' rasu, taħt geddumu, insomma, madwar dak li suppost huwa rasu. Jekk tiżloq, hu ikun b'saħħtu biżżejjed biex iżommok.

Miss (Jirrabja) Int qed tiċċajta? Nintrabat miegħu [illegible]? Mela ma tafx kemm-il sena ili marbut miegħu?! Hekk jonqosni, nintrabat miegħu b'ħabel qisni lsier tiegħu! Le, issa waħħaltha f'moħħi li nlesti l-istatwa u neħles minna [illegible] darba għal dejjem. [illegible] sejjaħt lit-tabib.

Guv X'għandu x'jaqsam it-tabib ma' l-istatwa?

Miss Tlabtu jagħtini ftit pilloli ħalli nkun nista' nkompli.

Guv Mela x'għandek?

Miss Apatija kbira. Dak li għandi. Xbajt minnu. Taf x'jfisser dak? Li xbajt minn kollox! (Aktar waħdu milli lil ġuvni) M'għandix għalfejn nintrabat miegħu b'ħabel biex insir lsier. Diġa' ħakimni għal kollox. Ħajti jmexxiehieli kif irid hu. Jagħmel bija li jrid. Ġa ħadli dik il-ftit birra li kont nixrob u jekk ma noqgħodx attent ser joħodli ħajti wkoll. Hekk donnu ried jgħidli t-tabib qabel. Qeridni, imma fl-istess ħin ma nistax ngħix mingħajru. Jekk matul il-jum ma nkunx ħdimt biżżejjed fuqu, iżommni mqajjem bil-lejl. Jekk naħdem, norqod u noħlom ikrah u meta nqum filgħodu nkun naf li ħdimt għal xejn. Jagħtini ideat u meta nipprovahom, ma jaħdmux. Ħakimni! Ħakimni bħal droga qerrieda! (Jaħbi wiċċu f'idejh u wara ftit jgħolli rasu u jħares lejn il-ġuvni) Ma tgħidli xejn?

Guv Għandi xi ngħidlek, imma mhux fuq l-istatwa. (Jitbissem) Sibt impieg. Ser nibda naħdem mill-ġimgħa d-dieħla. Ser naħdem f'petrol-station nimla' l-karozzi u niċċekkja ż-żejt.

Bi ħsiebni nġemmgħa kemm niflaħ ħalli mbagħad nitżewwġu jien u t-tfajla tiegħi. (Il-missier iħares ċass lejh) Tinkwetax, m'iniex ser nabbandunak. Ser noqgħodu f'Kamra Żgħira fuq il-petrol-station u nkun nista' niġi nittawwallek. (Skiet) Smajt x'għidtlek?

Miss Iva, smajtek. (Iqum) Hela fl-aħħar ser toħroġ fid-dinja. Mur, mur ... u gawdiha. (Sarkastiku) Jekk għandek il-ħila! (F'daqqa waħda jirrabja) Smajtni? Issa qed nitkellem bħalu ukoll. Ser toħroġ fid-dinja bil-barka tiegħi. Ser inħallik toħrog fid-dinja biex tmut! (Twerżiq ta' roti ta' karozza)

Guv X'ġara?

Miss Ħallik minn hemm barra. Dik mhux xi ħabta oħra? Xi tridu jiġri? (Il-missier jerġa jiċċassa lejh) Taf li aktar ma nħares lejk aktar nara l-Iben fik? Nara kollox, dak li int, mhux hekk? Għandek tgħid, fis-seklu erbatax l-Iben kienu jpinġuh bla daqna. Hmm. (Jibda jippassiġġa madwar il-ġuvni) ~~bil-mod (bilmod)~~ Issa m'għadekx timbiel mill-lejl għan-nhar bħal meta kont tarbija. It-tibdil bilkemm tinduna bih. (Idawwarlu wiċċu 'l hawn u 'l hemm) Wiċċek ma jaħbi l-ebda misteru, l-ebda kontradizzjoni. (Jiflih b'għajnejn ta' artist) Qed narak statwa tal-fraxxnu. Jekk inżidlek ftit tbatija ma jkun ġara xejn - għalkemm int qatt ma batejt.

Guv Le?

Miss Kont żgħir wisq meta ommok ...

Guv .... Jien mhux fuq ommi qed nitkellem. (Offiż)

Miss (Jinjoraħ, mitluf fl-immaġinazzjoni) Nista nimmaġinak imdendel minn salib, magħlub, f'forma tawwalija ... f'xi knisja minn dawk il-moderni li qed jibnu. Miegħek ma jkollix problemi. L-Iben nifhmu. L-Iben wieħed minna. Iva int ser tkun il-mudell tiegħi għall-Iben.

Guv Mbagħad naraw. L-ewwel irrid inkellem lit-tfajla tiegħi. (Jiftakar) Min jaf fejn qegħda? Ħalli mmur insibha.

Miss (Iżommu minn driegħu) Ibqa' hawn.

Guv Ma rridx inħallliha tistenna aktar.

Miss Titlaqx qed ngħidlek. (Il-ġuvni jissara biex jipprova jinħall minn miegħu) Kemm jien b'saħħti hux?! Ħoss dawk il-muskoli. Dawk kabbarthom bil-ħila tax-xogħol tiegħi. Xogħol iebes ta' l-iskultura!

Ġuv Itlaqni. Irrid immur!

Miss Int m'int sejjer imkien qabel ngħidlek jien. (Iħarsu fiss f'għajnejn xulxin. Pawsa. Il-missier jitilqu u l-ġuvni ma jitlaqx) Hekk aħjar! Issa itla' w oqgħod bil-qegħda fuq saqajja ħalli nkun nista' naraħkom flimkien bħal missier u iben. Irrid noħloq ir-relazzjoni bejniethom kif suppost hemm bejn missier u iben... anki jekk ma tkunx relazzjoni intima. (Wara li jkun tah ħarsa ta' stmerrija, il-ġuvni jobdih. Jitla sakemm ~~ma~~ narawhx aktar) Ħa nara. Dur ftit 'l hawn. Hm. Issa dur in-naħa l-oħra. (Il-missier jaqbad "sketch-pad" u jħarbex xi linji ta' malajr.) Hm. Mhux ħażin. Tieħonta dawk id-dellijiet hemm fuq m'effett ġenwinu. Jqabluk biex tesprimi aħjar t-tbatija.

Ġuv (Leħnu biss) Taħseb li għandek bżonn id-dellijiet? M'hawnx biżżejjed dellijiet ta' l-imgħoddi hawn fuq?

Miss Xxx. Tiċċaqlaqx. (Jaqla l-karta, jħares lejha u jqattagħha) Ser tħabbatni aktar milli ħsibt. Rajnik mejjet kemm-il darba. Mejjet fuq is-salib jew mejjet f'ħoġor ommok. Je jkolli biċċa xogħol biex nivvinta mod ieħor kif nurik mejjet.

Ġuv (Leħnu) Ħela ħinsini. Arani nieżel.

Miss Le. Ħa nerġa nipprova. (Jerġa jagħmel 'sketch' ta' malajr u jieqaf) Taf xejn, li ser nuża għajnejk għal dak l-imbierek għajn ta' missierek. Għandek ċerta ħarsa ... ma nafx kif ~~[illegible]~~ injissuha.

Ġuv (Leħnu) Int Lest?

Miss Għad le. Iva tiċċaqlaqx! (Wara ftit jerġa iqatta' t-tieni karta u jitlef il-paċenzja) Qed tara? Reġa għamilieh. Tani idea mbagħad reġa ħadieli. Jinkini biss. Għal xejn. Ma nistax. Ma nafx fejn ser naqbad naghti rasi!
(Waqt li l-ġuvni jibda nieżel, jitfaċċa t-tabib miexi bil-

mod. F'idu ghandu ċ-ċoff li minn lewnu nindunaw li hu
l-istess ċoff li t-tfajla kellha f'xagħrha. Jieqaf
quddiem il-missier)

Miss Mela ma mortx il-klinik?

Tabib Le. Ghax ... ghax ġara xi haġa. (Il-ġuvni jinsab wieqaf
wara t-tabib li ma jindunax bih)

Miss X'ġara?

Tabib Ma kien tort ta' hadd. Ma setax jiskapulaha. Harġet tiġri
f'nofs it-triq bla ma harset ...

Ġuv ... Min?

Tabib (Jinhasad u jdur lejh) Nassigurak li ma kien tort ta' hadd.

Ġuv (Jissuspett hażin) Fejn hi t-tfajla tieghi?

Tabib It-tfajla tieghek? Iva. Nsejt li tieghek. Middejtha fuq
is-sufan fil-kamra ta' barra. (Il-ġuvni jaghti s-salt biex
jiġri 'l barra iżda t-tabib iżommu) Ghal xejn, tard wisq.
(Il-ġuvni jinhall minn mieghu u jitlaq jiġri)

Miss X'ġara?

Tabib Ma batietx. Mietet mal-daqqa. Li kieku kont naf x'ser
taghmel kont inżommha ... kont navżaha. Imma ma qalet xejn.

Miss Kienet muta.

Tabib Iva, iva, nsejt. (Ifittex il-kliem) Is-sewwieq daqqilha
l-horn imma ma tatx kasu.

Miss Kienet truxa.

Tabib (Jevita ghajnejh) Ghandek raġun. (Iqahqah)

Miss Ghaliex telqet tiġri?

Tabib Ma nafx.

Miss X'għandek ~~f'idek~~ fil-but? (It-tabib jinħasad u jaħbi ċ-ċoff) Li kont flokok, ma kontx inħallih jarak b'dak iċ-ċoff ~~f'idek~~.

Tabib (Ilaqlaq) Isma', x'int taħseb hej? Jien raġel ta' l-affari tiegħi.

Miss Jaqaw erġajt kont qed tkellimha b'idejk? Jaqaw għidtilha x'kien għaddej minn ġo moħħok? Jaqaw ...

Tabib (Beżgħan) ... Kif stajt inkellimha bis-sinjali u nżommha fl-istess ħin? (Malajr jinduna bl-iżball tiegħu)

Miss <u>Ħsibtu</u> jien. (Sarkastiku) Mux qabel kont għidtli li kien għad fadallek ħafna x'tagħmel f'did-dinja? Mela naħseb li issa <u>lestejt</u> li kellek tagħmel ...

Tabib Ara, aħjar nitkellmu bil-kwiet ... imma miegħi ħa nieħdu flixkun birra ...

Miss (Dejjem aktar sarkastiku) Flixkun birra? Bl-ordni tat-tabib? U l-pressjoni tiegħi? U l-vista? U l-istatwa? (Waqt l-aħħar kliem jidħol il-ġuvni bit-tfajla mitluqa f'idejh. Il-missier jitgerrex u jidħol jiġri fil-kamra biex jiskartah. Jieħu l-għodda miegħu)

Tabib (Mifxul) Jiddispjaċini. Disgrazzja kienet. Lil missierek fehmtu x'ġara. Għamilt li stajt minn-naħa tiegħi, imma kien kollu għal xejn. (Miexi b'lura) Se jkolli mmur il-klinik. Filgħodu nerġa niġi jekk iħollkom bżonni. (Jitlaq malajr u l-ġuvni lanqas jagħti kasu. Moħħu biss fit-tfajla mejta. Jinżel ma' l-art u jserrħilha rasha ma' rkopptu f'poża 'Pieta'')

Ġuv (Mbikkem isejjaħ lil missieru) Missier! (Ma jweġibx) Missier! (Idur lejn l-istatwa) Missier! (Jerġa jdur lejn il-kamra fejn mar missieru) Oħroġ minn hemm! Għalfejn ħrabt? Għandi bżonnok! (Jibki bil-qalb) Għandi bżonnok missier! Għini! Mietet it-tfajla tiegħi ... mietet! Ma nafx x'ser nagħmel! Għini! Ninsab waħdi!

Miss (Leħnu) Ma nistax niġi għal issa. Għandi x'nagħmel. Qed insinn l-għodda.

Ġuv (Jirrabja) Għandek x'tagħmel? (Jitlaqha ma' l-art bil-mod) Dejjem għandek x'tagħmel! Is-soltu tiegħek. Qatt m'għandek minuta għalija! (Jerġa jibki) Ejja ħdejja ftit! Qed tismagħni? Għandi bżonnok!

Miss Mbagħad niġi.

Ġuv (Iddisprat, jilmaħ il-ħabel mitluq ma' l-art. Jiġbru) Oħroġ minn hemm u ejja ħdejja! (Skiet u l-ġuvni jimsaħ id-dmugħ) Hux Qabel, ~~hux~~ għidt li ridt issib mod ieħor kif turini mejjet? Ejja daqxejn mela. Solvejtielek il-problema! Ser nitgħallaq! Dik li ser nagħmel. U taf kif? Ejja ara jekk għandek il-kuraġġ! Ser niddendel minn miegħu! Dik tkun mewta oriġinali, hux? (Issa kwasi isteriku) ~~[illegible]~~ Arani tiela. (Jibda tiela u l-missier joħroġ mil-kamra)

Miss Tagħmilx ħmerijiet.

Ġuv Ejja żommni jekk għandek il-ħila!

Miss Mhux aħjar tinżel minn hemm?

Ġuv (Jieqaf fin-nofs) Għaliex għandi ninżel? Tini raġuni waħda għaliex. Għaliex ma tridnix immut? Għax tbati minn ħajri? Jew għax jekk immut issa, nkun ta' inkonvenjent għalik bħal meta mietet ommi?

Miss (Mifxul) Int, ma tifhimx.

Ġuv Eh le? Naħseb li nifhem ħafna wkoll. U int għallimtni nifhem, bl-indifferenza u bil-qalb iebsa tiegħek.

Miss X'tort għandi jekk għadni ma lestejtx l-istatwa?

Ġuv Isimgħek! Qed nistennik tieġibni u minflok, tkellimni fuq dil-misħuta statwa.

Miss Imma l-istatwa noboghdha daqs kemm toboghdha int. Din li ma tistax tifhem int. Dik qatt m'hi ser titpoġġa ġo knisja, kattidral jew pjazza. Kemm indum ħaj, dik se tibqa hawn miegħi biex tippersegwitani għal dejjem.

(Il-missier jerfa' biċċa ħadida minn ma' l-art) Int kuraġġuż aktar minni. Issa naf. Ħela eħlisni minnu! (Inewwillielu iżda il-ġuvni jaħtafha u jwaddabha fl-art)

Miss — Għaliex? Għaliex ma tridx tgħini?

Guv — (Donnu nqas isteriku minn qabel) Kien hemm żmien meta kont kburi li int missieri. Kont naħsbek b'saħħtek u kont nammirak ... (Jerġa jibki)

Miss — (Bil-ħlewwa) Inżel minn hemm ibni.

Guv — (Pawsa mbagħad il-ġuvni jimsaħ id-dmugħ) Meta mietet ommi, fejn kont int?

Miss — (Mifxul) Inżel għidtlek.

Guv — Jekk tgħidli fejn kont meta mietet ommi, ninżel.

Miss — (Mument ta' indeċiżjoni mbagħad jintelaq bilqegħda) Meta mietet ... tlaqt niġri 'l barra mill-kamra. Anzi, tlaqt meta kienet qed tieħu l-aħħar nifsijiet. Ġejt hawnhekk u bdejt naħdem. (Il-ġuvni jwaddab il-ħabel fl-art u jinżel) Iva, bdejt naħdem fuqu. (Jipponta 'l fuq). Dak biss stajt nagħmel. Qatt ma kont wieħed li niffaċċja r-realta' u t-tbatijiet tal-ħajja w allura kont nsib wens fix-xogħol tiegħi. Kont naħdem kull meta ridt naħrab minn xi ħaġa. (Leħnu miksur) Meta ommok kienet fuq is-sodda tal-mewt tagħha, kelli naħrab bil-fors. Ma kellix kuraġġ. (Il-ġuvni idawwar idu miegħu) Il-ġebla kienet hemm fuq, għadha biċċa waħda, donnha kienet qed tistennini ntiha l-ewwel daqqa. U hekk għamilt. B'hekk biss stajt nbiegħed minni d-dwejjaq u t-tbatija. Tajtha l-ewwel daqqa, mbagħad it-tieni u t-tielet .... u ħares lejha illum. Irvinajtha! Irvinajt ġebla mill-ifjen! (Donnu bħal jiġi f'tiegħu u jqum minn ħdejn il-ġuvni. Iħares 'l fuq lejn l-istatwa) Aħfirli! Naf li rvinajtek imma jien m'inix xi għaref! Leħ! (Jersaq ftit 'lura biex jara aħjar) Imma għaliex qed tagħmilli hekk? (Il-ġuvni jqum inkwetat) Għajnejk donnhom qed ikellmuni.

Guv — (Inkwetat għal missieru) Imxi noħorġu minn hawn.

Miss Dawn x'mangjieri huma? Noħroġ minn hawn meta qed ikellimni?! (Jibqa' ċċassat iħares 'l fuq donnu qed jara xi viżjoni. F'daqqa waħda jinfaqa f'daħqa isterika)

Ġuv Qatt ma rajtek hekk. X'inhu jagħtik?

Miss Xejn ... xejn. Xi tridu jagħtini?

Guv Imma ...

Miss ... Xxx! M'intix tara li qed ikellimni?

Ġuv Int qed tiġġennen!

Miss Le, m'inix. Arah, arah x'jidħaq! (Lis-statwa) Għax ma għidtlix qabel? Issa naf min int. Issa qed nara kollox ċar. Mhux ta' b'xejn ma stajtx insib tarf ta' dik l-għajn! (Lil Ġuvni) Int darba kont għidtli li kont qed tara wisq ħażen fih. Kemm kellek raġun! Mis ni ndunajt jien ukoll! Dak huwa l-personifikazzjoni tal-ħażen. Ħares lejh! Ħares! Ara għajnejh x'ileqqu! Ara x'ħarsa malizzjuża! U dawk is-saqajn ... tassew qed jerfgħu piż kbir! Qegħdin jerfgħu muntanja magħmula minn erwieħ ħżiena... anġli suwed. Irkuptejh jinsabu mistoħbija wara ilsna tan-nar dejjem telgħin 'l fuq ...

Guv (Mwerwer) ... Ieqaf! Ma rridx nisma' aktar! (Jipprova jżommu)

Miss (Iwarrbu minn-nofs u l-ġuvni jaqa' fl-art ħdejn it-tfajla) M'hemmx għalfejn iżżommli s-sellun. Issa sod biżżejjed. M'inix nistordi. Saqajja nħossħom sodi! (Jitla' b'ħeffa kbira sakemm ma narawhx aktar. Jinstemgħu d-daqqiet minn fuq)

Guv Inżel minn hemm! Inżel! Missier! Missier! (Jinfexx f'bikja ta' qsim il-qalb. Mużika u l-ġuvni jżomm pożizzjoni. Johroġ il-preżentatur) Old Friends, Book Ends.

Preż U b'hekk sinjuri, ġejna fi tmiem ir-reċta tagħna. Mhux ser insaqsikom x'dehrilkom minn dak li rajtu u smajtu. Ħadtux pjaċir jew le, affari tagħkom. Biss, nixtieq nħallikom bi ħsieb żgħir. Għalkemm din tal-lejla kienet reċta, jekk intom

tieqfu u taħsbu ftit, għandkom teraw lilkom infuskom f'kull wieħed u waħda minnhom. Issa tiegħdu għalikom. Għalkemm nies bħat-tabib jeżistu, m'inix ngħid li kull raġel preżenti hawn ġew huwa bħalu. Lanqas m'jien ngħid li hawnhekk għandna tfajliet tal-'life' jew missierijiet li ma jagħtux kas tat-trobbija ta' wliedhom. Imma aħsbu ftit fuq l-istatwa. DIK L-IMBIERKA STATWA. Lkoll kemm aħna għandna waħda, tafux. Iva. U kull individwu għandu statwa taħt xi sura jew oħra. Aħsbu ftit sinjuri. Ħorġu minn hawn u saqsu lilkom infuskom: L-istatwa tiegħi, x'inhi? U tħalluhiex iġġenninkom! Il-lejl it-tajjeb.

Mużika u curtain-call.